Vol 40
Nru 204
April - Gunju 2019

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-ART IMQADDSA

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2019

comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

Qoxra Quddiem:
*San Franġisk u Fra Illuminato jmorru l-Eġittu*

# Werrej



6



14



18



24

6 San Franġisk fl-Art Imqaddsa (ii) (1219 - 2019)

14 Il-Ġustizzja ta' Alla u s-Salvazzjoni

18 L-Intimità li kellu Mosè ma' Alla (2)

24 Il-Parabboli tas-Saltna ta' Alla

31 Nikodemu u l-Mara Samaritana

40 Il-Ħabs ta' Kristu fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu



31

# Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm



## "L-Art Bejn Ix-Xmara Ġordan u l-Mediterran"

"L-Art bejn ix-Xmara Ġordan u l-Mediterran" hu l-isem li użaw il-kapijiet reliġjużi Kattoliċi tal-Art Imqaddsa, f'dikjarazzjoni li huma ppubblikaw fl-okkażjoni tal-aħħar laqgħa tal-Ordinarji Kattoliċi tal-Art Imqaddsa, fl-20 ta' Mejju 2019. Huma jgħidu: "Din hi l-viżjoni tagħna għal Ġerusalemm u għall-art kollha, li tissejjaħ Israel u Palestina, bejn ix-Xmara Ġordan u l-Baħar Mediterran."

Id-dikjarazzjoni hi ritratt tas-sitwazzjoni soċjali, politika u reliġjuża fl-Art Imqaddsa. Il-kapijiet Kattoliċi huma tal-fehma li wasalna fi stat li fih il-proċess tal-paċi staġna għal kollox, minħabba nuqqas ta' rieda tajba ta' dawk li huma responsabbli. Ir-riżultat hu dak ta' disperazzjoni u skuntentizza li jwasslu għall-vjolenza, jew inkella biex persuni li huma intelliġenti, "jaħarbu" mill-Art Imqaddsa u jmorru jgħixu f'pajjiżi aktar stabbli.

Kif juru b'mod ċar il-kapijiet Kattoliċi, hemm sitwazzjoni li wasslet għal "status quo" li fih ma hemmx tama għal ġejjieni aħjar. Dan għaliex f'dawn l-aħħar snin saru diversi mossi politiċi biex juru b'mod ċar li l-ħolma ta' soluzzjoni ta' żewġ stati, Israel u l-Palestina, spiċċat għal kollox.

Min-naħa ta' Israel hemm sitwazzjoni stabbli li fiha ma fadalx għażla għal mexxejja politiċi alternattivi. Netanyahu reġa' ġie elett bħala prim ministru, u dejjem bl-iskuża tas-sigurtà tal-iStat

*...editorjal*
*L-Art bejn*
*ix-Xmara Ġordan u*
*l-Mediterran*



ta' Israel, sab l-appoġġ inkondizzjonat tal-President Donald Trump, li f'dawn l-aħħar sentejn ħa deċiżjonijiet arbitrarji u perikolużi għall-proċess ta' paċi, meta ddikjara li jagħraf lil Ġerusalemm kollha kemm hi bħala l-kapitali ta' Israel u li jagħraf li Israel għandu d-dritt li jinkludi l-għoljiet tal-Golan, li okkupa mis-Sirja fl-1967, bħala parti integrali tat-territorju nazzjonali tiegħu.

Min-naħa tal-Palestinjani hemm sitwazzjoni ta' disperazzjoni. Il-Palestinjani huma mifrudin bejn il-partit tal-Fatah ta' Abu Mazen, li jiggverna fuq it-territorji awtonomi tal-Awtorità Palestinjana fix-Xatt tal-Punent, u l-partit ta' Ħamas ta' Ismayil Hanya, li jiggverna fl-iStrixxa ta' Gaza, u li ma jagħrafx lil Israel id-dritt li jeżisti bħala Stat lanqas fit-territorji li ġew mogħtija lilu fl-1948. Anke f'dan il-każ ninsabu quddiem "status quo" li ma jinbidilx. Il-Palestinjani ma għandhomx mexxejja ġodda. Għalkemm diversi pajjiżi għarfu lil Fatah u anke taw appoġġ għall-Palestina, imma Israel baqa' iebes li, flimkien mal-iStati Uniti tal-Amerika, ma jirrikonoxxix din il-mossa politika. Mhux biss, imma jrid li l-pajjiżi kollha tad-dinja jiddikjaraw lil Ħamas bħala organizzazzjoni terroristika. F'Gaża s-sitwazzjoni hi waħda ddisprata, b'Israel jattakka depożiti ta' armamenti u jolqot anke ċivili innoċenti u l-Ħamas jisparaw missili bl-addoċċ fuq territorju Israeljan. F'territorju mhux ħafna akbar minn Malta jgħixu madwar 1.8 miljun persuna mdawrin minn kullimkien mill-forzi Israeljani u bla ebda possibilità li joħorġu minn Gaza, fejn hemm diżastru ta' infrastruttura, kura medika, u dak kollu li hu meħtieġ għal ħajja deċenti.

Din il-qagħda ilha għaddejja għal aktar minn 70 sena bla ebda tama ta' soluzzjoni. Fi ftit kilometri tgħaddi mill-modernità ta' bliet Israeljani kbar u żviluppati, bħal Tel Aviv, b'toroq u infrastruttura ġodda u stil ta' ħajja oċċidentali, għal territorji fejn hemm miżerja u faqar li jwasslu għal degradazzjoni tad-drittijiet umani, u dan wara ħajt ta' sigurtà li jaħbi r-realtà minn kapijiet politiċi u turisti.

Il-problema demografika hi serja fil-Palestina, imma qed issir serja wkoll f'Israel, fejn il-popolazzjoni waslet għal 9 miljuni f'pajjiż żgħir u bla riżorsi naturali. Anke l-Israeljani jinsabu mxebbgħin bis-sitwazzjoni ta' "status quo" li fiha min ilu jżomm ir-riedni tal-poter ikompli jirrenja għax ipinġi qagħda li fiha jeħtieġ li l-poplu jiddefendi ruħu mill-estremiżmu u t-terroriżmu.

Il-kapijiet reliġjużi Kattoliċi juru kif jeħtieġ li r-reliġjonijiet li huma dominanti fl-Art Imqaddsa jwasslu messaġġ ta'

għaqda u ta' tama. F'din l-Art hemm diversi reliġjonijiet li jgħixu flimkien, il-Lhud, il-Kristjani, il-Musulmani, id-Drużi. Dawn ukoll juru problemi ta' firdiet bejniethom u anke fi ħdahom stess: il-Lhud Ortodossi kontra l-Lhud Sekulari; il-Kristjani maqsumin fi Knejjes Kattoliċi, Ortodossi, Protestanti; il-Musulmani Sunniti kontra l-Musulmani Xi'iti influwenzati minn Ħiżbollah fil-Libanu mill-Iran; id-Drużi li għalkemm huma meqjusin setta Musulmana, jappoġġjaw lil Israel f'kollox. Kollox juri li l-proċess tal-paċi hu kważi mejjet, u li ma tfaqqax gwerra totali għax ma jaqbel lil ħadd f'din is-sitwazzjoni.

Il-kapijiet reliġjużi Kattoliċi jiddeskrivu tajjeb ħafna s-sitwazzjoni attwali meta jiktbu: "L-iżviluppi reċenti fil-kuntest Palestinjan-Israeljan, il-fatt li nies innoċenti għadhom jiġu maqtula, in-nuqqas ta' tama li xi darba tinstab soluzzjoni dejjiema, u l-falliment tal-komunità internazzjonali li tinsisti fuq l-applikazzjoni tal-liġi internazzjonali biex jiġu salvati l-popli ta' din l-art minn aktar ġlied u disperazzjoni, waslu għall-punt fejn qegħdin nassistu għal aktar estremiżmi u diskriminazzjonijiet. Anke dawk li qabel kienu jippreżentaw ruħhom bħala ħarriesa tad-demokrazija u promuturi tal-paċi, issa saru qawwiet politiċi li jieħdu sehem b'mod partiġjan fil-konflitt."

L-impressjoni tal-pellegrini li jiġu fl-Art Imqaddsa hi waħda pożittiva, ta' pajjiż progredit, bi strutturi turistiċi eċċellenti, b'infrastruttura perfetta. Din hi l-qoxra ta' barra. Anke f'postijiet bħal Betleħem, li tinsab fil-Palestina, l-influss ta' turisti u pellegrini jiżgura ċerta prosperità. Imma tajjeb li din il-qoxra ta' barra ma tkunx l-unika impressjoni, għax dan hu li jridu l-mexxejja politiċi biex hekk idaħħlu l-miljuni mill-industrija turistika. Tajjeb li l-messaġġ tal-kapijiet reliġjużi Kattoliċi jiftaħ l-imħuħ u l-qlub biex, xi darba, din is-sitwazzjoni ta' "status quo" inġusta tispiċċa, biex fl-Art Imqaddsa ma jkunx hemm iżjed distinzjoni bejn ċittadini, residenti, barranin u rifuġjati, imma kull persuna jkollha d-dinjità u l-libertà li tixraq lil kull bniedem li jgħix f'pajjiż li jiftaħar li hu demokratiku u ċivilizzat.



# SAN FRANĠISK FL-ART IMQADDSA (II) (1219 - 2019)

*Noel Muscat ofm*

## Il-vjaġġ ta' San Franġisk lejn l-Orjent

Kien matul il-kapitlu ta' Pentekoste tas-26 ta' Mejju 1219 li San Franġisk iddeċieda li jmur fl-Orjent. Hu telaq minn Ancona fl-24 ta' Ġunju, għalkemm xi storiċi jippreferu Brindisi bħala l-port li x'aktarx kienu jitilqu minnu l-Kruċjati. Il-vjaġġ bil-baħar kien ikun aktar faċli

minn Brindisi jew Bari, għax b'hekk il-Kruċjati kienu jaqsmu direttament l-iStretto di Otranto lejn l-Albanija, u mbagħad ibaħħru mal-kosta tal-Greċja mill-gżira ta' Korfu, jibqgħu neżlin għall-gżira ta' Cephalonia, u mbagħad ibaħħru mal-kosta tal-penisola tal-Peloponnesos. Minn hemmhekk kien ikun faċli biex jaqsmu lejn il-gżira ta' Kreta, li dak iż-żmien kienet magħrufa bl-isem ta' Candia (Chania). Mhux l-ewwel darba li l-Kruċjati kienu jieqfu għal xi żmien fi Kreta. L-isem Candia kien ġie applikat għal Kreta wara li din kienet intrebħet mill-Venezjani matul ir-Raba' Kruċjata (1205-1212), u l-gżira baqgħet magħrufa b'dan l-isem sa ma ntrebħet mit-Torok Ottomani fil-gwerra tal-1645-1669. L-isem Candia ġej mill-belt kapitali tal-gżira, li kienet tissejjaħ Chandax, illum Heraklion. Hu l-kronista Franġiskan Mariano da Firenze (*Libri delle vite di Sancti Frati Minori*, c. 1480, c. 17) li jikteb: "Wara li telaq bil-baħar mill-port ta' Ancona […] San Franġisk baħħar mal-aħwa li xtaq jieħu miegħu, u fi żmien qasir wasal fil-gżira ta' Candia, fejn għal xi ġranet qagħad jippriedka l-penitenza u l-passjoni ta' Kristu. Imbagħad kompla jbaħħar lejn is-Sirja u wasal fil-port tal-belt famuża ta' Akri."

Minn Kreta l-vjaġġ bil-baħar kien ikompli jsegwi l-kosta tal-gżejjer tal-Baħar Eġew, partikolarment Kasos u Karpathos, biex imbagħad kien imiss il-gżira ta' Rodi. Minn hemmhekk kien faċli li wieħed ikompli jbaħħar tul il-kosta tan-nofsinhar tat-Turkija, sakemm imbagħad jerġa' jaqsam il-baħar lejn il-gżira ta' Ċipru, tul il-kosta tan-nofsinhar tal-gżira lejn il-portijiet ta' Paphos u Lemsos (Limassol). Luke Wadding (*Annales Minorum*, I, an. 1219, n. 57, 322) jikteb: "Telaq minn Ancona, u wara ftit żmien

*Il-Port ta' Chania, Kreta*



il-ġifen wasal Ċipru, gżira magħrufa tal-Mediterran." Ċipru dak iż-żmien kienet proprjetà tal-familja rjali ta' Lusignan, li kienet iġġib ukoll it-titlu rjali ta' Ġerusalemm. Kien Richard I the Lionheart li kien rebaħ Ċipru mill-Biżantini waqt it-Tielet Kruċjata fl-1191. Wara li l-gżira kienet taħt il-Kavallieri Templari għal żmien qasir fl-1192, dawn ċedewha lir-Re ta' Ġerusalem, Guy de Lusignan. Ħuh Aimery sar Re ta' Ċipru. Ċipru damet taħt il-familja ta' Lusignan, bit-titlu ta' Rejiet ta' Ġerusalemm, sal-1489, meta ntrebħet mill-Venezjani.

Ma nafux jekk San Franġisk qattax xi żmien f'Ċipru, li kienet ukoll post ta' waqfien tal-Kruċjati. Fil-*Memoriale in desiderio animae* ta' fra Tommaso da Celano (magħrufa wkoll bħala *Vita Secunda ta' San Franġisk*), insibu dan ir-rakkont li seħħ proprju fil-gżira ta' Ċipru: "Darba minnhom ġara li wieħed mill-aħwa jismu fra Barbaro kien qal kelma iebsa li biha weġġa' lil wieħed mill-aħwa quddiem raġel nobbli mill-gżira ta' Ċipru. Dan, meta ntebaħ li dak ħuh kien weġġa' bil-kelma li qallu, ħa ftit ħmieġ ta' ħmar, u biex jagħmel vjolenza fuqu nnifsu, beda jomogħdu u jgħid: 'Ħa jomgħod il-ħmieġ dak l-ilsien li minnu ħareġ il-velenu'" (2C 155, *Fonti għall-Ħajja ta' S. Franġisk*, Vol. 1, 869). Dan il-fatt seta' seħħ jew meta San Franġisk kien fi triqtu lejn Akri, inkella meta kien fi triqtu lura lejn l-Italja. Il-fatt hu li nafu li fra Barbaro akkumpanja lill-qaddis, u li l-preżenza Franġiskana fil-gżira ta' Ċipru tmur lura wkoll għal dan iż-żmien li fih Ċipru kienet l-eqreb art Latina lejn l-Art Imqaddsa.

Minn Ċipru kienet ħaġa faċli li wieħed jaqsam il-baħar lejn il-kosta tal-Libanu u tal-Palestina. L-ewwel belt fortifikata li wieħed kien isib kienet appuntu l-port ta' Akri, il-belt kapitali tar-Renju Latin ta' Ġerusalemm mill-1191 sal-1291.

## San Franġisk jasal Akri

Lejn it-tmiem ta' Lulju 1219, wara vjaġġ ta' ftit



aktar minn xahar bil-baħar, San Franġisk wasal fil-port ta' Akri. Għadhom jeżistu l-fdalijiet tal-Port tal-Pisani li fih niżel San Franġisk. Akri kienet il-belt kapitali tar-Renju Latin ta' Ġerusalemm, li kien ġie ristrett għal xi fortizzi fuq il-kosta tal-Libanu u tal-Palestina wara li Saladin rebaħ il-belt ta' Ġerusalemm fl-1187. Il-Kruċjati kienu baqgħu fil-Prinċipalità ta' Antjokja fis-Sirja, u fil-fortizzi ta' Tripli, Sidon u Tir fil-Libanu, u f'dawk ta' Akri, Castrum Peregrinorum (Atlit), Arsuf (Apollonia), Ġaffa, u Axdod fil-kosta tal-Palestina. Akri kienet saret il-belt prinċipali, li fiha kienu miġburin il-Kruċjati. Fiha kien hemm is-sede tar-Re ta' Ġerusalemm (imma li ta' spiss kien joqgħod f'Ċipru), tal-Patrijarka Latin ta' Ġerusalemm, tal-Isqof, tal-Ordnijiet Kavallereski tat-Templari u tal-Ospedalieri (Kavallieri ta' San Ġwann), u tar-Repubbliki marinari Taljani ta' Venezja, Genova, Pisa, Amalfi u Ragusa (Dubrovnik, fil-Kroazja).

San Franġisk ġie milqugħ minn fra Elia ta' Cortona u l-patrijiet li kienu miegħu fil-Provinċja tas-Sirja. Elia kien wasal Akri fl-1217, bħala ministru provinċjali ta' *Outremer*. Jidher li l-patrijiet Minuri kienu akkwistaw kunvent f'Akri, kif kien irnexxielhom ukoll diversi Ordnijiet mendikanti oħrajn, fosthom id-Dumnikani u l-Karmelitani. Il-kunvent tal-Franġiskani kien jinsab f'żona ġdida tal-belt, li kienet għadha kemm ingħalqet wara l-ħitan ta' fortifikazzjoni. Din kienet il-kwartier imsejjaħ Montmusard. Għandna deskrizzjoni ta' dan il-kwartier minn J. Folda (*Crusader Art in the Holy Land from the Third Crusade to the Fall of Acre 1187-1291*, Cambridge University Press, 2005, 125). Dan l-istudjuż jgħidilna li Montmusard kienet parti ġdida minn Akri u kienet tmiss mas-sur mibni fis-seklu 12. Jidher li dan il-kwartier, li kellu forma triangolari, kien inbena wara t-tiswijiet li saru fil-fortifikazzjonijiet ta' Akri wara t-terremot tal-1202, meta bosta swar iġġarrfu. L-istess awtur jurina li kien hemm bosta kunventi f'Akri, u xi wħud minnhom kellhom anke skejjel tat-teoloġija, almenu sa mill-1218. Kien hemm skola tal-kattidral tas-Salib Imqaddes, fejn kien wasal bħala Isqof il-kronista magħruf Jacques de Vitry-sur-Seine, ikkonsagrat Isqof ta' Akri mill-Papa Onorju III fid-19 ta' Lulju 1216. Id-Dumnikani wkoll kellhom skola tat-teoloġija f'Akri, u aktar tard anke l-Franġiskani waqqfu l-istudju tagħhom, għax nafu li l-missjunarju William ta' Rubruck kien sar *lector* fl-istudju ta' Akri fl-1255. F'Akri kien hemm ukoll monasteri tal-Benedittini u taċ-Ċisterċensi, kif ukoll diversi monasteri ta' reliġjużi nisa, fosthom il-Klarissi, l-Agostinjani, is-sorijiet Ċisterċensi, is-sorijiet tal-Kavallieri ta' San Ġwann, sorijiet ta' San Lazzru, ta' Santa Briġida u ta' Notre Dame de Tyre. Dan kollu jurina kemm Akri kienet belt fjorenti u tassew il-kapitali tar-Renju Latin ta' Ġerusalemm.

Ma nafux kemm dam Akri San Franġisk. Jidher li ma setax idum aktar minn żmien massimu ta' ġimagħtejn, għax lejn nofs Awwissu nsibuh fil-kamp Kruċjat ta' Damietta. Hemm diversi fatti li jiġu rrakkontati dwar il-waqfa ta' San Franġisk f'Akri, li jsostnu li hu vvjaġġa lejn ċentri oħrajn Kruċjati fl-Orjent. Ma nafux kemm dawn il-ġrajjiet humiex verifikabbli mil-lat storiku, jew jekk seħħewx meta San Franġisk wasal Akri inkella fiż-żmien li dam Akri wara l-laqgħa tiegħu ma' al-Melek al-Kamel, żmien li fih hu seta' kellu l-possibilità li jżur l-Art Imqaddsa.

Sakemm San Franġisk dam Akri ċertament kien infurmat bil-fatt tal-miġja tal-Isqof ta' Akri, Jacques de Vitry, li kien għadu kemm wasal fil-belt kapitali Kruċjata sena qabel, fl-1218, u li kien diġà mar fil-kamp Kruċjat f'Damietta, bl-iskop li jkun predikatur u kronista tal-istess Kruċjata. Fil-fatt, ix-xhieda li kellu jagħti Jacques de Vitry dwar

il-preżenza ta' San Franġisk f'Damietta u dwar il-laqgħa tiegħu mas-Sultan al-Malek al-Kamel hi waħda mill-aktar dokumentazzjonijiet prezzjużi li għandna dwar din il-ġrajja importanti fil-ħajja ta' San Franġisk. Hu x'inhu, San Franġisk, wara li għadda ftit ġranet ma' fra Elia u l-patrijiet f'Akri, telaq bil-baħar tul il-kosta tal-Palestina biex jasal fil-kamp Kruċjat quddiem Damietta fl-Eġittu.

## San Franġisk jasal Damietta

L-istoriku Franġiskan Luke Wadding (*Annales Minorum*, I, an. 1219, 60) jikteb: "Ir-raġel qaddis San Franġisk ma qagħadx jitlajja bl-għażż, u lanqas ma ried li ġismu jgħix fil-kumditajiet, imma billi hu kien jixtieq il-Martirju, telaq fil-vjaġġ lejn is-Sirja, li kienet imħollija taħt il-kura ta' fra Elia tat-Tuscia bħala Ministru. San Franġisk ħa miegħu tnax fost sħabu, li fosthom jidhru l-ismijiet ta' fra Pietro Cattaneo, fra Barbaro, fra Sabbatino, fra Leonardo ta' Assisi u fra Illuminato minn Rieti."

X'aktarx li Franġisku wasal fil-kamp Kruċjat lejn nofs Awwissu 1219. Nafu żgur li kien preżenti fid-29 ta' Awwissu, festa tal-martirju ta' San Ġwann Battista, għax għandna rakkont importanti li jagħtina Tommaso da Celano fil-*Memoriale in desiderio animae* u li jixħet dawl qawwi fuq l-iskop evanġeliku tal-vjaġġ ta' San Franġisk fl-Orjent. Wara li, kif rajna, il-Kruċjati kienu ħadu f'idejhom it-Torri tal-katina fix-xmara Nil u bdew jassedjaw Damietta, huma kellhom jiġġieldu sensiela ta' battalji, li waħda minnhom kienet traġika għax fiha mietu diversi Kruċjati.
Din kienet il-battalja ta' al-Fariskur. L-istrateġija tal-gwerra Kruċjata kienet imħollija f'idejn il-mexxej suprem li kien ir-Re ta' Ġerusalemm Jean de Brienne. Imma miegħu l-Papa kien bagħat ukoll Kardinal Legat fil-persuna ta' Pelagius Galvan. Niltaqgħu ma' dan il-prelat aktar tard, meta nitkellmu dwar iż-żjara ta' San Franġisk lis-Sultan. Pelagius kien bniedem aħrax u awster, u kien hu l-veru kmandant tal-Kruċjata. L-istrateġiji tiegħu żbaljati kienu l-kawża tal-falliment aħħari tal-Ħames Kruċjata, li qatt ma waslet biex reġgħet tirbaħ il-Belt il-Qaddisa ta' Ġerusalemm.

Intant Tommaso da Celano jagħtina dan ir-rakkont fil-*Memoriale*: "Fiż-żmien li fih l-eżerċtu Kristjan kien qiegħed jassedja l-belt ta' Damiata (Damietta), kien hemm il-qaddis ta' Alla flimkien mal-aħwa: għax huma kienu qasmu l-baħar bix-xewqa tal-martirju. Meta mbagħad l-eżerċtu tagħna kien qiegħed iħejji ruħu għall-jum tal-gwerra, malli sema' dan, il-qaddis tnikket bil-bosta. U qal lil sieħbu: 'Jekk il-battalja ssir f'dak it-tali jum, il-Mulej urieni li l-Kristjani ma tiġihomx tajba. Imma jekk immur ngħid dan fil-beraħ, jaħsbuni iblah; u jekk niskot, inħoss il-kuxjenza tniggiżni. X'jidhirlek li hu l-aħjar li nagħmel?' Sieħbu wieġbu u qallu: 'Missier, inti ma għandekx tagħti kas li tiġi ġġudikat mill-bnedmin, għax mhux l-ewwel darba li huma qisuk bħala bniedem iblah. Ħaffef il-kuxjenza tiegħek, u ara li tibża' aktar minn Alla milli mill-bnedmin.' Allura l-qaddis qam bil-ħeġġa u beda jwissi lill-Kristjani biex ma jattakkawx battalja, beda jurihom li ma kellhomx imorru għall-gwerra, u beda jħabbrilhom it-telfa. Imma huma bdew jaħsbu li l-verità ta' kliemu kienet ħrafa, webbsu qalbhom u ma ridux jagħtuh widen. Ħarġu, attakkaw, u bdew jiġġieldu, imma l-eżerċtu tagħna ġie attakkat mill-għadu. Waqt dak il-ħin kollu, il-qaddis b'ruħu mdendla, kien jibgħat lil sieħbu biex iqum u jittawwal fuq il-battalja, imma wara li fl-ewwel u t-tieni darba ma ra xejn, reġa' bagħtu għat-tielet darba. U hekk hu! Kulħadd kien qiegħed jaħrab mill-eżerċtu Kristjan, u l-battalja ntemmet fil-mistħija, u mhux fir-rebħa. Tant kienet kbira l-istraġi li sofra l-eżerċtu tagħna, li bejn il-mejtin u l-maqbudin priġunieri kienu mas-sitt

elef. Il-qaddis kien mimli ħniena lejhom, u mhux żgħir kien in-niket tagħhom għal dak li ġara. L-aktar li beka kien fuq l-Ispanjoli, għaliex kienu spiċċaw tassew ftit fil-għadd minħabba l-ħeġġa akbar li kellhom biex jiġġieldu" (2C 30, *Fonti għall-Ħajja ta' S. Franġisk*, Vol. 1, 750).

Din l-esperjenza wriet lil San Franġisk il-wiċċ veru tal-Kruċjata. Il-ħolm kavalleresk li kellu ta' żagħżugħ ċertament sfumalu fix-xejn meta ra quddiem għajnejh il-kruha tal-gwerra miġġielda f'isem kawża qaddisa. Dik it-telfa tal-Kruċjati kienet hekk gravi li l-mexxejja tagħhom iddeċidew li jitolbu perjodu ta' waqfien mill-ġlied biex jeżaminaw is-sitwazzjoni. Is-Sultan al-Malek al-Kamel, għalkemm din id-darba kien ħareġ rebbieħ, kien ukoll konxju mis-sitwazzjoni mwiegħra fil-belt ta' Damietta, assedjata minn kullimkien, u li fiha kien beda jagħfas il-ġuħ u l-mard. L-istudjużi huma tal-fehma li proprju wara l-battalja diżastruża tad-29 ta' Awwissu 1219, bejn l-eżerċtu Kruċjat u dak tas-Saraċini sar ftehim għal perjodu ta' xahar ta' waqfien mill-ġlied. Kellu jkun perjodu providenzjali, għax kien proprju f'dan iż-żmien li San Franġisk seta' jitlob il-permess li jgħaddi fil-kamp tas-Saraċini u jiltaqa' mas-Sultan tal-Eġittu al-Malek al-Kamel.

Al-Kamel, kif rajna, kien bniedem diplomatiku aktar milli ġellied. Hu ried jeħles mill-Kruċjati, imma kien jaf li ma setax jagħmel dan mingħajr ma jagħtihom xi konċessjonijiet. F'dawn il-konċessjonijiet wera lilu nnifsu ġeneruż. Ħasra li l-Kardinal Pelagius ma riedx jaħtaf l-opportunità minħabba r-ras iebsa tiegħu. Diġà fi Frar is-Sultan tal-Eġittu kien offra kundizzjonijiet għall-paċi lir-Re Jean de Brienne u l-Kardinal Pelagius. Hu qalilhom li kien lest li jirritorna l-Belt il-Qaddisa ta' Ġerusalemm lill-Kruċjati għal perjodu ta' 30 sena, basta dawn jirtiraw mill-Eġittu u ma jagħmlux ħsara lis-Saraċini f'Ġerusalemm. Filwaqt li r-Re Jean u l-baruni Franċiżi ta' *Outremer* kienu favorevoli li jaċċettaw, il-Kardinal Pelagius, flimkien mal-Gran Mastri tat-Templari u tal-Ospedalieri, ried ikompli jattakka biex jirbaħ Damietta u mbagħad jibqa' nieżel biex jieħu wkoll il-Kajr taħt idejh. Wara l-battalja tad-29 ta' Awwissu, is-Sultan al-Malek al-Kamel ħaseb

*Damietta*



li jerġa’ jġedded l-offerta lill-Kruċjati, billi ra li kien mument li fih kienu sofrew telfa u forsi kien jaqblilhom jiritraw bl-unuri. Mhux biss reġa’ offra Ġerusalemm, imma talli żied l-offerta li jirritorna r-relikwa tas-Salib (li s-Saraċini kienu qed jgħidu li kienu ħadu taħt idejhom) u wkoll diversi priġunieri Kristjani, u wkoll offra lill-Kruċjati 30 elf biżanti tad-deheb biex ikunu jistgħu jerġgħu jibnu l-fortifikazzjonijiet ta’ Ġerusalemm li kien ħatthom ħuh, al-Mu’azzam, Sultan ta’ Damasku. Mill-ġdid ir-Re Jean flimkien mal-Kruċjati Franċiżi kien lest li jaċċetta l-offerta, imma Pelagius flimkien mal-Ordnijiet Kavallereski, il-Kruċjati Taljani u l-kleru, ċaħad kategorikament.

Sakemm kienu qed isiru dawn it-trattativi kien għaddej ix-xahar ta’ Settembru. Kien proprju f’Settembru 1219 li San Franġisk iddeċieda li jieħu vantaġġ mill-waqfien mill-ġlied biex iwettaq il-proġett li għalih kien ġie Damietta. Għalkemm bniedem umli u ta’ bixra mhux imponenti, Franġisk t’Assisi kien ġenju li kien joħlom bil-kbir. Il-biografi kollha jixhdulna li hu kien imħeġġeġ biex imur jippriedka lil Kristu lis-Saraċini u jirċievi l-martirju bħala riżultat. Rajna kif l-ispirtu ta’ ħeġġa Kruċjata li kellu ta’ żagħżugħ kien ċertament inbidel ħafna fl-1219, għax Franġisku ma marx Damietta bix-xabla imma bil-qawwa tal-kelma tal-Vanġelu. Fuq kollox, hu ried li l-preżenza tiegħu fil-kamp Kruċjat ma tkunx biss waħda ta’ appoġġ għami għall-ideali tal-gwerra tal-Kruċjati, imma pjuttost preżenza profetika li tfakkarhom fil-veru sens tal-Kruċjata li kienu ilhom li nsew. Għal din ir-raġuni nistgħu nieqfu ftit biex nikkunsidraw il-veru motiv li għalih San Franġisk mar fl-Orjent, biex imbagħad niflu l-ġrajja ċentrali tal-laqgħa tiegħu mas-Sultan al-Malek al-Kamel.

## Ir-raġuni tal-preżenza ta’ San Franġisk fil-Ħames Kruċjata

L-istudji Franġiskani ta’ żminijietna jisħqu ħafna dwar dik li tissejjaħ l-*intentio beati Francisci*, l-intenzjoni tal-imqaddes Franġisku. Jekk hemm fatt fil-ħajja ta’ San Franġisk li jpoġġina quddiem id-domanda dwar l-intenzjoni sinċiera tiegħu, dan hu proprju l-fatt tal-laqgħa tiegħu ma’ al-Malek al-Kamel u tal-mawra tiegħu fl-Orjent waqt il-Ħames Kruċjata.

L-istudjuż Pacifico Sella (*Francesco e il Sultano: l’Incontro*, in *San Francesco e il Sultano*, Firenze 2011, 494) jikteb: “Irridu nirrikonoxxu li l-vjaġġ ta’ Franġisku fl-Art Imqaddsa, fi żmien partikulari, jiġifieri fi żmien il-Ħames Kruċjata, ifakkarna fl-imħabba partikulari li hu kellu lejn l-art tal-Mulej. Hu, bħala bniedem medjevali u Kristjan tajjeb, kien inin bix-xewqa li jżur dawn il-postijiet bħala pellegrin.”

Dawn il-kelmiet huma fundamentali biex nifhmu għaliex Franġisku mar fl-Orjent fl-1219, anzi għaliex hu pprova għal tliet darbiet biex imur *in partibus infidelium*, fl-artjiet tal-infidili. Il-mentalità tal-Kruċjata ma kinitx oriġinarjament dik ta’ gwerra qaddisa bħala skop esklużiv. Din il-viżjoni tal-Kruċjata, frott ir-razzjonaliżmu anti-Kristjan u anti-Kattoliku taż-żminijiet li fihom ngħixu, ma tagħmilx ġustizzja għall-fatt li bosta Kruċjati ma kinux suldati bix-xwabel imma pellegrini. Franġisku ġie fl-Orjent bħala pellegrin. Hu bagħat il-patrijiet tiegħu f’*Outremer* bħala pellegrini. Hu tħallat mal-Kruċjati li ġarrew ix-xwabel, għax kellu bżonn il-mezzi tagħhom ta’ trasport u sopravivenza biex jaqsam il-baħar, mhux għax neċessarjament kien japprova l-metodi tagħhom. Prova ta’ dan hu l-fatt li hu rnexxielu jasal fejn huma qatt ma waslu, jiġifieri diżarmat quddiem il-mexxej suprem tas-Saraċini li kienu jokkupaw is-Santu Sepulkru. U daħal quddiemu mhux bħala suldat, imma bħala pellegrin.

Dan l-atteġġjament ta’ pellegrin wasslu biex imur quddiem il-Kardinal Legat

Pelagius biex jitolbu permess ħalli jmur għand is-Sultan. San Franġisk kien konxju mill-projbizzjonijiet li kien hemm li wieħed jażżarda jżomm kuntatti diretti mas-Saraċini. Kif naraw, kien hemm saħansitra theddida ta' skomunika għal min jipprova jmur iżur il-Qabar ta' Kristu billi jħallas it-taxxa li kienu jitolbu l-purtinara Musulmani lill-pellegrini li kienu jmorru biex jidħlu jitolbu fl-aktar post qaddis tal-Kristjanità. Mela San Franġisk kellu skop preċiż, jiġifieri dak li jmur iżur l-Art Imqaddsa. L-istoriċi jistgħu jiddiskutu dwar kemm irnexxielu jew le f'dan l-iskop, imma l-fatt jibqa' li l-motivazzjoni prinċipali tal-vjaġġ ta' San Franġisk fl-Orjent kienet proprju dik li jmur bħala pellegrin biex jitlob fuq il-Postijiet Qaddisa.

Fil-prattika din ix-xewqa kienet tfisser li Franġisku kellu jippreżenta ruħu bħala Kristjan quddiem is-Sultan. Din ukoll hi motivazzjoni importanti. Meta fir-*Regola* tal-1221, kapitlu 16, jitkellem dwar il-patrijiet li jmorru "fost is-Saraċini u infidili oħrajn", San Franġisk juri li huma kellhom qabel xejn jagħtu xhieda ta' persuni mimlijin paċi u juru li huma Kristjani, u mbagħad, jekk tkun ir-rieda ta' Alla, ixandru lil Ġesù Kristu u anke, jekk ikun hemm bżonn, jaċċettaw il-konsegwenza tal-martirju. Mela Franġisku ma marx quddiem is-Sultan qabel xejn biex imut għal xi kawża. Dan b'differenza tal-Kruċjati, li kienu konvinti li jekk imutu martri fil-battalja jkun laħqu l-iskop sublimi tal-Kruċjata. Franġisku ried sempliċement juri ruħu bħala pellegrin Kristjan, li jmur bl-umiltà biex jitlob fil-Qabar ta' Kristu. Jekk din it-talba kienet se twasslu għall-martirju, hu kien lest li jaċċetta, imma bħala konsegwenza ta' fatti li jseħħu barra mir-rieda tiegħu u mhux bl-intenzjoni li jfittex il-martirju fih innifsu.

Dan il-mod kif inħarsu lejn il-fonti Franġiskani li jitkellmu dwar iż-żjara ta' San Franġisk lis-Sultan al-Malek al-Kamel hu importanti biex ma naqgħux f'xi wieħed minn żewġ estremi. Mill-banda l-waħda ma rridux ngħidu li San Franġisk mar fl-Orjent bħala Kristjan militanti li ried jikkonverti bilfors lis-Sultan u lis-Saraċini, u kważi jseksikhom biex jagħtuh il-martirju. Min jgħid hekk jagħmel minn San Franġisk fundamentalista Kristjan, li qatt ma kien. Mill-banda l-oħra, lanqas ma rridu naqgħu fit-tentazzjoni ta' bosta kittieba kontemporanji li jaħsbu li San Franġisk mar għand is-Sultan biex joħloq miegħu djalogu "inter-reliġjuż" fuq il-mudell attwali tal-espressjoni. San Franġisk ma marx għand al-Malek al-Kamel biex jieħu kikkra te miegħu u jgħidlu li kull reliġjon hi l-istess għax kulħadd se jsalva! San Franġisk mar għand is-Sultan biex ikellmu dwar Ġesù Kristu b'mod ċar. Il-konsegwenzi ta' din l-għażla setgħu kienu diżastrużi għalih u għall-patrijiet tiegħu, imma San Franġisk ħa riskju li l-ebda bniedem qablu ma kien għażel li jieħu.

Fl-artiklu li jmiss naraw mill-qrib il-ġrajja ċentrali tal-laqgħa ta' San Franġisk mas-Sultan al-Malek al-Kamel, li seħħet eżattament 800 sena ilu f'Damietta, u li kienet il-bidu ta' preżenza evanġelika tal-patrijiet Minuri li qatt ma ġiet nieqsa fil-pajjiżi "lil hinn mill-baħar."



# IL-ĠUSTIZZJA TA' ALLA U S-SALVAZZJONI

## *Ħarsa lejn it-tagħlim fl-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani*

*Fr Charles Buttigieg*

*"Issa li aħna ġġustifikati bil-fidi, għandna s-sliem ma' Alla permezz ta' Sidna Ġesù Kristu..." (Rumani 5:1)*

## L-Ittra lir-Rumani

L-ittra ta' San Pawl lir-Rumani ġiet miktuba aktarx f'Korintu fit-xitwa ta' bejn is-snin 57 u 58 W.K., fit-tielet vjaġġ missjunarju, qabel ma huwa reġa' lura lejn Ġerusalemm fejn ġie arrestat u mixħut fil-ħabs, u għalhekk żgur qabel ma mar Ruma fejn għadda wkoll minn Malta. Hija miktuba lill-komunità nisranija ta' Ruma, il-belt kapitali tal-Imperu Ruman, komunità waħda kbira magħmula mhux biss mil-Lhud ikkonvertiti imma wkoll minn ħafna Ġentili kkonvertiti. Huwa jurihom ix-xewqa kbira li jgħallimhom huwa ukoll dwar il-fidi ta' Kristu u l-Evanġejlu bl-inkarigu li huwa rċieva tal-*missio ad gentes*: "Jien inħoss ruħi obbligat lejn il-Griegi u Barbari, għorrief u m'humiex, għalhekk ninsab ħerqan li nxandar l-Evanġelju lilkom ukoll, li tgħammru f'Ruma" (1:14-15). Hija ittra mill-iktar solenni u li kellha influwenzi kbar fit-tagħlim tal-Knisja. Hija l-itwal ittra ta' San Pawl u fiha sittax-il kapitlu. L-ittra twasslet lill-insara ta' Ruma minn Febe li kienet djakonessa tal-knisja ta' Kenkre (ara Rum 16:1).






Ħafna studjużi jsejħu lil San Pawl bħala d-'Duttur tal-Grazzja per eċċellenza', minħabba proprju din l-ittra. Kienet strumentali għall-konverżjoni ta' Santu Wistin, u l-Konċilju ta' Trentu bbaża t-tagħlim tiegħu dwar il-grazzja, is-salvazzjoni u d-dnub oriġinali fuq din l-ittra ferm importanti. Oħrajn però bħal Martin Luteru u Kalvinu interpretaw b'mod żbaljat b'konsegwenzi negattivi xi siltiet tagħha.

## Il-Qawwa ta' l-Evanġelju

L-Evanġelju ta' Kristu juri l-qawwa u l-verità ta' Alla li jisboq fuq il-qerq u l-gideb tad-dinja pagana bla qalb: "Jien ma nistħix mill-Evanġelju għax huwa l-qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni ta' dawk kollha li jemmnu, l-ewwel tal-Lhud u mbagħad tal-Griegi. Għaliex fl-Evanġelju tidher il-ġustizzja ta' Alla minn fidi

għal fidi bħalma hu miktub: ‘il-bniedem ġust igħix permezz tal-fidi’.” (1:16-17). L-Evanġelju huwa l-qawwa li biha Alla jaħdem biex isalva lill-bnedmin, u li dejjem joffri lill-bniedem il-grazzja, bl-Ebrajk: *hen*; bil-Grieg: *charis*; bil-Latin: *gratia*: “Il-bnedmin kollha dinbu u ċċaħdu mill-glorja ta’ Alla; għalhekk issa huma jkunu ġġustifkati bil-grazzja tiegħu li jagħtihom minn rajh permezz tal-fidwa li hemm fi Kristu Ġesù” (3:23-24). Infatti fl-ewwel tmien kapitli tal-ittra, niltaqgħu ma’ dan it-trattat tal-ġustifikazzjoni. Din is-salvazzjoni hija marbuta mal-Ġustizzja ta’ Alla, salvazzjoni li ġejja mill-ħniena ta’ Alla. Huwa dan l-Evenġelju ta’ Kristu, li juri fuq kollox din l-aħbar it-tajba tal-qawwa tal-Ġustizzja ta’ Alla li timla l-qalb tal-bniedem bit-tama u mhux bil-biża’ kif ħaseb Luteru. “Għax il-fidi tiġi mis-smigħ,u s-smigħ mix-xandir tal-Kelma ta’ Kristu” (10:17).



## Il-Jasar tad-Dnub

Għal San Pawl, id-dnub huwa lakuna, żball, ħtija, kif ifisser l-Ebrajk: *hata*, li jwassal għall-mewt għaliex proprju ‘tiżbalja fil-mira’; ‘ma tolqotx’ jew ‘tiżvija’ kif tfisser il-kelma Griega *amartia*. Huwa proprju dan l-atteġġjament żbaljat tad-dnub li permezz tiegħu l-bniedem jitbiegħed minn Alla u mis-salvazzjoni li ġab Kristu: “Għax il-ħlas tad-dnub hu l-mewt, imma d-don li tana Alla huwa l-ħajja ta’ dejjem fi Kristu Ġesù Sidna” (6:23). Huwa proprju meta nħallu lil ġisimna taħt il-madmad tad-dnub, il-bniedem ikun qed jiżvija tassew mill-iskop tal-ħajja tal-persuna u tal-ġisem tiegħu: “Għax jekk tgħixu skont il-ġisem, tmutu imma jekk tmewtu l-għemil tal-ġisem bl-Ispirtu, tgħixu” (8:13). Din għandha għalhekk tkun l-esperjenza tan-nisrani fil-magħmudija tiegħu li jmewwet il-ġisem tad-dnub, bil-Grieg: *sarx* u jqum bil-ġisem tassew ħaj, bil-Grieg: *soma*.

## Il-Ġustizzja ta' Alla

Huwa l-iskop ta' l-Evanġelju ta' Kristu li qed ixandar Pawlu, li juri din il-Ġustizzja ta' Alla u li jgħin lin-nisrani jirbaħ il-jasar tad-dnub. Il-Ġustizzja ta' Alla, bil-Grieg: *dikaiosune Theou*, huwa ħsieb tassew importanti f'din l-ittra fejn l-espressjoni nsibuha xejn inqas minn tmien darbiet f'1:17; 3:5, 21, 22, 25, 26; 10:3 (darbtejn). Fl-Antik Testment naraw din il-Ġustizzja ta' Alla murija permezz tal-Patt li jagħmel Alla mal-poplu tiegħu u l-wegħdiet li huwa jagħmel miegħu: "Għarraf il-Mulej is-salvazzjoni tiegħu, f'għajnejn il-ġnus wera l-ġustizzja tiegħu" (Salm 98:2). Mela din il-Ġustizzja ta' Alla iktar minn xi idea ta' kundanna, trid turi l-fedeltà ta' Alla, bl-Ebrajk: *sedeqa*, mal-wegħdiet li Huwa għamel mal-bniedem għaliex huwa sadiq, ġust u l-ħniena tiegħu tinfirex għas-salvazzjoni ta' kulħadd. Mela hija ġustizzja li biha Alla jiġġustifika, jiġifieri jsalva lill-bniedem. Hija l-Ġuztizzja ta' Alla li turi l-volontà salvifika tiegħu. Permezz ta' din il-Ġustizzja ta' Alla, jingħata s-sliem u t-tama (5:1-11), il-ħelsien mill-mewt (5:12-21), il-ħelsien mid-dnub (6:1-23), il-ħelsien tal-ħolqien permezz tal-Ispirtu s-Santu (8:1-39) u s-salvazzjoni għal kulħadd (10:5-21): "Ma hemmx għażla bejn Lhudi u Grieg; Alla hu s-Sid ta' kulħadd u għani ma' dawk kollha li jsejħulu. Għax kull min isejjaħ isem il-Mulej isalva" (10:12-13).

## Konklużjoni

L-Ittra lir-Rumani barra milli turina l-importanza tas-salvazzjoni, tagħtina wkoll fl-aħħar kapitli, kodiċi ta' imġiba nisranija mibinja fuq il-vera imħabba, li hija fuq kollox il-qofol tal-ħajja tal-Evanġelju: "Ħobbu lil xulxin bħal aħwa; fittxu li tistmaw lil xulxin". Din għandha tkun mela l-ħajja tan-nisrani fi Kristu, kulħadd skont id-doni u l-ministeru tiegħu sabiex iħabbrek ħalli toktor dejjem din l-imħabba nisranija: "L-imħabba ma tagħmilx deni lill-proxxmu; mela l-imħabba hi l-milja tal-liġi" (13:10). Dan huwa fuq kollox l-ispirtu ekumeniku u s-sentiment universali reliġjuż li tixtieq taspira din l-ittra tassew rikka u importanti.

## Bibliografija


Chouraqui, A., *Gesù e Paolo. Figli d'Israele*, Magnano (BI) 2000.

De Boer, M.C., "The defeat of Death. Apocalyptic Eschatology in 1 Corinthians 15 and Romans 5", in *JSNTSS* 22 (1998) 93-140.

Gathercole, S., "After the New Perspective: Works, Justification and Boasting in Early Judaism and Romans 1-5", in *Tyndale Bulletin* 52 (2001/2) 303-306.

Heil, J.P., "Christ, the Termination of the Law (Romans 9:30–10:8)", in *Catholic Biblical Quarterly* 63 (2001) 484-498.

Schillebeeckx, E., *Christ. The Christian Experience in the Modern World*, London 1990.

Schlier, H., *La Lettera ai Romani*, Brescia 1982.

Son, S.-W.A., *Corporate Elements in Pauline Anthropology. A study of selected terms, idioms, and concepts in the light of Paul's usage and background*, Analecta Biblica 148, Pontificio Istituto Biblico, Rome 2001.




# L-INTIMITÀ LI KELLU MOSÈ MA' ALLA (2)

*Mons Lawrenz Sciberras*

Il-ġrajja ta' Mosè bejn wieħed u ieħor qiegħda madwar 1300 sena Q.K. Mosè bla dubju ta' xejn jilgħab parti l-aktar qawwija u sħiħa fl-Istorja tas-Salvazzjoni. Isem dan il-leġislatur jidher mhux anqas minn 814-il darba. It-twelid tiegħu – meta l-Fargħun kien amar lill-qwiebel Lhud fosthom Sifra u Pugħa biex dawn joqtlu lit-trabi subien Lhud – il-mod kif ħeles mill-għarqa

minn bint il-Fargħun stess, flimkien mat-trobbija tiegħu f'ambjent purament Eġizzjan imma minn ommu stess, dan kollu jkompli jlewwen il-karattru singulari ta' Mosè. Dan biex ma nsemmux dak kollu li kien hemm jistennih matul il-ħajja tiegħu.

## Missjoni delikata

Iżda l-aqwa mument ta' ħajtu Mosè, liema waqt bidillu l-bqija ta' għomru kollu, kien meta Alla kellmu direttament, u għal darbtejn sejjaħlu b'ismu. "Mosè, Mosè". Din l-intimità hekk qawwija Mosè ma seta' qatt aktar jinsiha matul ħajtu kollha. Sar djalogu li matulu Alla assenja lil Mosè biex jinsa d-difetti li kellu – dak li jtemtem – jagħmel il-ħila, imur l-Eġittu u jamarlu lil Fargħun biex joħroġ lil ulied Israel, il-poplu tiegħu, mill-Eġittu (ara Eż 3,10). Jekk dan ma jsirx hemm imdendla fuq ras il-Fargħun il-kastigi.

Mosè li għex għal numru ta' snin l-Eġittu, u li kien jaf sew il-qawwa, l-ħakma u l-għana tal-Fargħun, beża' bil-kbir quddiem din il-missjoni ta' riskju. U bir-raġun. Għalhekk kompla jidħol f'intimità aqwa ma' Alla fejn dan wiegħdu li se jkun miegħu.

Mosè kompla jidħol f'aktar intimità ma' Alla meta staqsih x'kien se jwieġeb lil ħutu l-Lhud dwar min bagħtu u fejn kien se jeħodhom. F'kelma waħda Mosè xtaq li jkun jaf isem dak li bagħtu. Issa hawn sewwa li wieħed iżomm f'moħħu li fil-mentalità semita, meta wieħed jgħid u jikxef ismu lil xi ħadd, dan ikun jurih il-personalità sħiħa tiegħu. Ma' l-isem hemm marbuta wkoll il-missjoni li jkun qed iġorr.

U hawn Alla jwieġeb lil Mosè u jgħidlu: "Jien li Jien. Jien Hu bagħatni għandkom". U Alla jkompli jinsisti ma' Mosè, meta beda jsemmilu l-ismijiet ta' missirijietu l-patrijarki, Abraham, Iżakk u Ġakobb (Eż 3,15). It-tifsira teoloġika tal-isem hija li Alla hu dak





li hu fih innifsu, jew dak li jġib fl-eżistenza, inkella dak li hu preżenti. It-tradutturi Griegi ta' Lixandra tal-Bibbja tas-Sebgin (LXX) ittraduċew *Kyrios*, sid u l-Vulgata bil-Latin qrat *Dominus,* sinjur.

F'din iċ-ċirkustanza ta' djalogu hekk profond fejn imkien fil-Bibbja ma jidher li hemm djalogu daqshekk ċar u twil dwar isem Alla, toħroġ il-konklużjoni tal-intimità unika ta' Mosè ma' Alla. Bir-raġun għalhekk li l-ktieb tan-Numri jikteb: "Mosè kien bniedem umli l-aktar umli fost il-bnedmin li hawn fuq wiċċ l-art" (Num 12,3). U din il-prerogattiva kompliet issieħed lil Mosè matul ħajtu kollha u speċjalment meta kien mgħobbi bir-responsabiltà li jmexxi lil niesu stess lejn l-Art ta' Kangħan.

## Wiċċ imb wiċċ

Matul ħajtu Mosè kellu bosta mumenti qawwija fejn daħal f'intimità ma' Alla, liema intimità ħalliet effett ukoll fuq il-fiżiku ta' Mosè. L-Iskrittura titkellem sew minn dawn il-waqtiet ta' djalogu bejn Alla u l-leġislatur Mosè: "Il-Mulej kien ikellem lil Mosè wiċċ imb wiċċ, bħalma bniedem ikellem lil ħabibu" (Eż 33,11).

Waqt qawwi tassew tal-laqgħa ta' Alla ma' Mosè seħħ fuq il-muntanja Sinaj. Fil-ħin tal-għotja tal-Liġi, n-natura wkoll għamlet tagħha. Il-muntanja bdiet iddaħħan, deher in-nar, instema' t-tkarwit tar-ragħad, dehru l-leħħiet tal-beraq, u sħab oħxon għatta l-muntanja u ma dan kollu nstema' wkoll iż-żarżir qawwi tat-tromba (Eż 19). U ma' dan kollu l-istess poplu ma setax "jitla' fuq il-muntanja tas-Sinaj" (Eż 19,23).

Qalb dan il-fenomenu kollu, Alla niżel fuq il-muntanja, tkellem ma' Mosè u tah il-kmandamenti. Issa ġara li meta Mosè niżel minn fuq il-muntanja tas-Sinaj biż-żewġ twavel f'idu "Mosè ma kienx jaf li l-ġilda ta' wiċċu kienet tiddi billi kien qorob lejn Alla" (Eż 34,29). Dan hu effett ieħor tal-intimità qawwija ta' Mosè ma' Alla. Dan il-fenomenu uniku tant kien impressjonanti li meta ħutu l-Lhud raw lil Mosè f'dik is-sura dritt ikkonkludew li huwa kellu x'jaqsam direttament mad-divin. Qatt ma kienu għadhom raw lil Mosè f'dik is-sura. U tassew hekk kien.

## Quddiem l-arka tal-patt.

L-oġġett ċentrali daqskemm qaddis li madwaru jinġabru l-Lhud u jħossuhom fil-preżenza ta' Alla, kienet l-arka. Ġo din il-kaxxa kien hemm "fiha bieqja tad-deheb bil-manna, il-virga ta' Aron li minnha kien ħareġ il-ward, u t-twavel tal-patt. Fuq l-arka kien hemm il-kerubini tal-glorja jgħattu l-għatu tagħha msejjaħ il-Propizjatorju" (Lhud 9, 4-5). Dan l-għatu kien kollu tad-deheb mastizz.

B'rispett lejn l-arka, kienu jerfgħuha biss il-leviti, meta mbagħad waqt il-mixja twila u mwiegħra tagħhom fid-deżert il-Lhud kienu jieqfu għal żmien indefinit, kienu jwaqqfu jew itellgħu għarix – tinda – u jqiegħdu l-arka ġo dan l-għarix. Dan kollu kien isir biex jidher dejjem aktar ir-rispett lejn l-arka tal-patt. Aktar 'il quddiem dan l-għarix jew tinda bdiet tissejjaħ "it-tinda tal-laqgħa" (Eż 33,7).

Bosta drabi kien jiġri wkoll li fuq it-tinda, li kif ġa rajna din kienet tgħatti l-arka tal-patt, kienet tinżel sħaba mis-sema u tgħatti t-tinda bl-arka b'kollox. Din is-sħaba kienet xhud tanġibbli tal-glorja u s-sebħ ta' Alla fost il-poplu *shekina*. Quddiem dan il-fenominu tas-sema, "Mosè ma setax jidħol fit-tinda tal-laqgħa, għax fuqha kien hemm tistrieħ is-sħaba u l-glorja tal-Mulej kienet timla t-tabernaklu" (Eż 40,35).

Biss kull darba li Mosè kien jirnexxilu jidħol 'il ġewwa mill-għarix u allura jsib ruħu quddiem l-arka, "il-Mulej kien ikellem lil Mosè wiċċ imb wiċċ bħalma bniedem ikellem lil ħabibu" (Eż 33,11). Mument ta' intimità aqwa minn dan, żgur li Mosè ma setax ikollu f'ħajtu! U ngħiduha kif inhi, anqas aħna ma nistgħu nimmaġinaw dan kollu!

## L-għatu tal-arka-propizjatorju

Iżda din l-intimità ta' Mosè tkompli toħroġ għad-dawl bil-qawwa kollha meta fil-ktieb tan-Numri hemm miktub minn fejn Alla jkellem lil Mosè: "Meta Mosè kien jidħol fit-tinda tal-laqgħa biex jitkellem mal-



Mulej kien jisma' l-leħen jitkellem minn fuq l-għatu tal-arka tax-xhieda miktuba, minn bejn il-kerubini; u hekk kien ikellmu" (Num 7,89).

Nistaqsu: X'inhu qatt dan il-"għatu" propizjatorju jew kapporet biex Alla għażel li jidħol f'intimità daqshekk qawwija u profonda ma' Mosè u jitkellem miegħu?

Dan il-għatu forma ta' ċangatura tad-deheb mastizz (Eż 37,7) kien jagħlaq l-arka tal-patt. Fuqu kien hemm ukoll żewġ kerubini bi ġwenħajhom miftuħa u





espjazzjoni b'demmu" (Rum 3,25). Fil-waqt li l-awtur tal-ittra lil-Lhud isemmi t-traxxix tad-demm divin ta' Ġesù bħala mezz għall-maħfra: Intom ersaqtu "lejn Ġesù l-medjatur ta' patt ġdid, u lejn id-demm imraxxax tiegħu li jitkellem b'mod aqwa minn dak ta' Abel" (Lhud 12,24).

Bosta kienu r-raġunijiet li minħabba fihom Mosè issaporta bil-kbir, refa' r-responsabiltà tal-poplu ta' ras iebsa, u ħa paċenzja wkoll meta l-istess niesu Lhud u familjari tiegħu qamu għalih. Waħda, anzi l-aqwa raġuni għal dan kollu, kienet l-intimità fl-ogħla grad ta' dan il-leġislatur ma' Alla, l-aktar meta dawn kienu jitkellmu flimkien 'il ġewwa mill-għarix tal-laqgħa. Bir-raġun ukoll għalhekk li dan il-personaġġ reġa' tfaċċa fuq it-Tabor meta Ġesù tbiddel quddiem it-tliet appostli.

jħarsu lejn xulxin u wiċċhom lejn l-għatu. Dan il-għatu, jkompli jikber fl-importanza tiegħu meta l-qassis il-kbir, nhar il-festa tal-Kippur jew tal-maħfra tad-dnubiet, iroxx id-demm tal-bodbod preċiżament fuq dan l-għatu tal-arka. U kien matul dan l-istess waqt li l-qassis il-kbir jippronunzja isem Jahweh. Hawn tidher fl-aqwa tagħha l-intimità profonda daqskemm unika ta' Mosè ma' Alla. Mela l-isem li sama' Mosè minn ġo l-għollieq jaqbad issa darba biss fis-sena jippronunzjah fost tregħid qawwi l-qassis il-kbir.

Snin aktar 'il quddiem, f'dan il-għatu, li fuqu kien jaqa' d-demm tal-bhima, mela hemm is-sens ta' tbatija u tpattija u anke mewt isir tip ta' Kristu vittma sħiħa. Kristu li ċarċar demmu kollu bħala vittma safja u divina. San Pawl iwessa' din il-verità b'dan il-kliem: "Lilu Alla kkostitwih vittma ta'



# IL-PARABBOLI TAS-SALTNA TA' ALLA

***Marcello Ghirlando***

Il-forma letterarja tal-parabboli (*meshalim* bl-Ebrajk, *parabolen* bil-Grieg), mifhuma bħala użu ta' lingwaġġ figurattiv li jrid jgħaddi tagħlima jew messaġġ, hija komuni fil-Bibbja. Il-bniedem tal-Bibbja huwa mistieden jisma' minn qalbu dan it-tagħlim mogħti b'tixbihat: "Jisma' wkoll il-għaref, u jżid l-għerf tiegħu, u min jifhem jitgħallem aktar, biex jifhem il-proverbji u t-tixbihat, u xi jgħidu l-għorrief u l-kliem mistur tagħhom" (Prov 1:5-6). Is-Salm

78:2 hekk jitlob: "Niftaħ fommi biex inxandar kliem il-għerf; nitkellem fuq ħwejjeġ moħbija mill-qedem". Huwa kliem li jinqeda bih San Mattew (13:35) biex jikkummenta fuq id-diskors li Ġesù jagħmel lill-folol bil-parabboli.

Il-forma letterarja ssib l-għeruq tagħha fit-tradizzjoni biblika, profetika u sapjenzjali u tkompli tintuża anke fil-letteratura inter-testamentarja, fl-apokrifi Lhud u anke fit-tagħlim tar-Rabbini. Iżda l-parabboli, bħala rakkont strutturat u wiesa', huma fil-fatt karatteristika tal-Vanġeli Sinottiċi, fejn il-kelma *parabbola* tintuża madwar ħamsin darba. San Ġwann juża l-kelma *tixbiha* biex jindika dan il-mod ta' tagħlim ta' Ġesù (Ġw 10:6; 16:25).

Liema huma l-elementi partikulari li jiddistingwu l-parabboli tal-Vanġeli minn din il-forma wiesgħa ta' tagħlim permezz ta' tixbihat? Irridu niftakru li fil-Vanġeli Sinottiċi t-tagħlim ta' Ġesù mhuwiex ristrett għall-parabboli: fil-fatt insibu anke tixbihat, metafori, paraguni u allegoriji. L-istudjuzi tal-parabboli tal-Vanġeli (ara: A. Julicher, C.H.Dodd, J. Jeremias), per eżempju jitkellmu minn differenza bejn il-parabbola u l-allegorija, il-qofol tal-parabboli mgħallma minn Ġesù biex jirrivela l-wasla tas-Saltna fil-persuna tiegħu u dak li fehmet u applikat għaliha l-Knisja tal-bidu. F'dan il-kuntest kollu joħroġ bid-dieher li l-parabbola hija rakkont jew storja li għandha l-intenzjoni li toħloq djalogu u tipproponi argument; hija storja fittizzja li fl-istruttura komplessiva tal-partijiet tagħha tirrifletti sitwazzjoni reali, dik tar-relazzjoni bejn min qed jitkellem bil-parabboli u min qed jisma'. Dan kollu biex tiġi mogħtija prospettiva ġdida in vista ta' ġudizzju jew l-ħtieġa li tittieħed deċizjoni.





Fl-Antik Testment insibu diversi eżempji ta' parabboli veri u proprji. Biżżejjed kemm niftakru fil-parabbola ta' Natan lis-Sultan David li biha l-profeta jiddenunzja d-dnub tas-Sultan (2Sam 12:1-4) jew dik tal-mara ta' Tekuwa (2Sam 14:1-20) li tirrakkonta lis-Sultan storja mgħoddija lilha mill-Ġeneral Ġowab. Sabiħa wkoll hija l-parabbola tal-Għanja tad-Dielja f'Isaija 5:1-7, parabbola li tiddenunzja l-infedeltà tal-poplu l-magħżul.

## Il-parabboli fil-Vanġeli

Parabbola waħda tal-Ġdid Testment tista' turina dak li huwa partikulari fl-użu tal-parabboli fit-tagħlim ta' Ġesù: il-parabbola magħrufa popolarment bħala dik ta' l-Iben il-Ħali f'Luqa 15:11-32. Din il-parabbola għandha bħala kuntest il-garr tal-Kittieba u l-Fariżej li jikkritikaw l-aġir ta' Ġesù li jiekol u jilqa' lill-midinbin (15:1-2) u li turi s-sitwazzjoni reali li fiha tiġi rrakkuntata l-parabbola. L-istruttura narrativa koerenti toħroġ għad-dawl il-kuntrast bejn l-aġir tal-missier li jerġa' jilqa' lil ibnu li kien ħela ġidu kollhu u l-aġir tal-iben il-kbir li jirrifjuta li jieħu sehem fil-ferħ ta' missieru li jagħmel festa lil ħuh iż-żgħir. Dawk li jikkritikaw lil Ġesù jsibu espressjoni ħajja f'dak li jgħid dan: Ara, ili dawn is-snin kollha naqdik, kelmtek ma ksirthielek qatt...(15:29). Bir-rakkont tal-parabbola Ġesù jagħti raġuni għal mod kif hu jġib ruħu mal-midinbin. B'hekk juri l-wiċċ ġdid, veru tal-Missier: huwa Dak li jilqa' lill-iben għax qalbu hekk magħmula.

Il-karatteristika ġdida tar-rakkonti evanġeliċi fid-dawl tal-kuntest tal-parabboli tat-tradizzjoni biblika u ġudajka huwa l-fatt ta' dan l-orizzont ġdid li fihom Ġesù jambjenta l-istejjer simboliċi tiegħu. Huwa l-kuntest tat-tħabbira ferrieħa tas-saltna ta' Alla, saltna li qorbot sewwa sew fil-persuna, fil-kliem u fl-għemejjel qawwija kollha ta' Ġesù. Huwa proprju hekk li jinkixef il-wiċċ veru ta' Alla, wiċċ veru li jnissel relazzjonijiet kompletament ġodda bejn il-bnedmin.

Nistgħu nagħmlu stqarrija ġenerali u ngħidu li l-interess primarju tal-parabboli fil-Vanġeli huwa li juru l-wasla tas-Saltna ta' Alla u kif min jemmen għandu jsir

dixxiplu fidil. Meta' Ġesù ħabbar il-wasla tas-Saltna ta' Alla huwa ried juri li Alla kien qed juri qawwietu biex iwassal il-maħfra, jirbaħ il-ħażen u jferra' ħnientu skont il-wegħdiet messjaniċi tal-Antik Testment. Dan kollu beda jseħħ b'qawwa fil-kliem u l-azzjonijiet ta' Ġesù: is-Saltna kienet tassew waslet. Is-Saltna kienet tesiġi ndiema u bidla fil-moħħ u fil-qalb, fil-preżent u bħala tħejjija għall-futur

Meta niflu l-Vanġeli nindunaw li hemm diversi tipi ta' parabboli: hemm il-parabboli tas-Saltna ta' Alla, li fuqhom sejrin nitkellmu; hemm il-parabboli li huma ċċentrati fuq il-mod kif iġib ruħu Alla – il-missier, sid l-għalqa, is-sultan -; hemm dawk li jagħmlu riferiment għall-istorja tas-salvazzjoni u l-mod kif Alla jġib ruħu mal-poplu tiegħu; hemm dawk li jħeġġu għall-impenn attiv fl-istennija tat-tieni miġja tal-Mulej fil-glorja; u hemm dawk sapjenzjali, li għandhom l-iskop li juri kif id-dixxiplu ta' Ġesù għandu jġib ruħu.

## Il-parabboli tas-Saltna ta' Alla

Fit-tradizzjoni evanġelika sinottika nistgħu nsibu daqs erbgħin parabbola. Fosthom hemm dawk li jitkellmu mis-Saltna ta' Alla u l-karatteristiċi proprji tiegħu. Fuq dawn, misjuba f'Mark 4 u f'Mattew 13, nixtieq li niffokaw.

Il-Vanġelu skont San Mark jiġbor f'ġabra letterarja definita ġabra ċkejkna minn dawn il-parabboli li jiġu mlaqqma fit-tema taż-żara' u tal-qamħ li jikber (Mk 4:1-34; ara Lq 8:4-18). Mattew kabbar f'kompożizzjoni aktar maħduma u sistematika dan in-nukleu tradizzjonali li jixhdu għalih iż-żewġ evanġelisti sinottiċi l-oħra.

Is-sezzjoni ta' San Mark tiġi ntrodotta b'mod narrattiv: fil-qafas iqiegħed tliet parabboli ta' Ġesù: "Raġa' beda jgħallem ħdejn il-baħar, u nġabret madwaru kotra kbira, hekk li kellu jitla' bilqiegħda f'dgħajsa fuq il-baħar, u n-nies kollha matul ix-xatt. U qagħad jgħallimhom ħafna ħwejjeġ bil-parabboli, u fit-tagħlim tiegħu qalilhom:" (4:1-2). Il-qafas tal-parabboli jingħalaq bil-kliem li jikkonferma l-mod tat-tagħlim ta' Ġesù, tagħlim li kellu żewġ destinatarji: "B'ħafna parabboli bħal dawn kien ixandrilhom il-kelma, kif kienu jistgħu jifhmuha huma, u mingħajr xi parabbola ma kienx ikellimhom; imma lid-dixxipli tiegħu, meta kien ikun waħdu magħhom, kien ifissrilhom kollox." (4:33-35).

F'dan il-qafas insibu it-tliet parabboli tas-saltna: dik taż-żerriegħ (4:3-9), il-parabbola taż-żerriegħa li tinbet weħidha (4:26-29) u dik taż-żerriegħa tal-mustarda li tikber f'siġra kbira (4:30-32). Il-parti ċentrali ta' din



is-sezzjoni hija mbagħad iċċentrata fuq djalogu qasir li Ġesù jagħmel mat-Tnax (4:10-25). F'San Mark huma biss iż-żewġ parabboli ż-żgħar, tal-bidwi li jistenna u taż-żerriegħa tal-mustarda, li huma introdotti bil-kliem li jorbothom mat-tħabbira tas-saltna ta' Alla: "Is-Saltna ta' Alla hija bħal meta raġel ikun xeħet iż-żerriegħa fl-art...Ma' xiex sejrin inqabbluha s-Saltna ta' Alla, jew b'liema parabbola nfissruha?" (4:26.30).

Nistgħu nżommu li anke l-parabbola taż-żerriegħ, li jiżra' biċ-ċertezza li jkollu riżultat minkejja l-fallimenti possibbli, tirrifletti is-sitwazzjoni reali ta' Ġesù u dik tal-Knisja fl-interpretazzjoni mogħtija mit-tradizzjoni u li San Mark jikteb. L-istruttura narrativa toħroġ għad-dawl dan l-element singulari li joħloq kuntrast maż-żerriegħa li ma tagħtix frott fil-mogħdija, fil-blat u fix-xewk (ara: Mk 4:1-9 u 13-20) u dik li tagħti l-frott għax taqa' f'art tajba. Fuq livell simboliku din is-sitwazzjoni tesprimi ir-realtà fuq livelli diversi: in-nuqqas ta' suċċess fit-tħabbira tal-Kelma - tas-saltna u tal-vanġelu – mhijiex kuntrarja għat-tama li hija mlaqqma fl-inizjattiva gratwita u effikaċi ta' Alla. Ir-rifjut min-naħa tas-semmiegħa – Israel – jew il-kriżi ta' perseveranza ta' dawk li emmnu, ma jġibux fix-xejn l-istorja tas-salvazzjoni mnedija mit-tħabbira tal-Kelma.

Iż-żewġ parabboli żgħar li jakkumpannjaw lil din jinsistu fuq sitwazzjoni oħra. Id-dewmien ta' l-azzjoni ta' Alla timplika maturazzjoni storika, għaliex l-azzjoni tiegħu, ġaladarba mnedija, tasal żgur fil-port mixtieq (Mk 4:26-29). Il-kuntrast bejn il-bidu insinifikanti, espress miż-żerriegħa tal-



mustarda u li fil-mument finali ssir siġra kbira li fiha jistkennu l-għasafar, jirrifletti l-bidu tal-ħidma ta' Ġesù u l-għeluq tiegħu u, fl-istess ħin, is-sitwazzjoni minoritarja tal-komunità nisranija tal-bidu.

Il-parabboli tas-Saltna ta' Alla, moqrija mill-ġdid fit-tradizzjoni u applikati għas-sitwazzjoni tal-Knisja, jiftħu viżjoni ġdida fl-istorja tas-salvazzjoni, storja mmarkata bis-sinjal tal-tama. Hija tama attiva u impenjata fil-preżent, tħabbira tal-Kelma u perseveranza, fl-istennija tal-milja imlaqqma kompletament fil-fedeltà ta' Alla.

Id-djalogu ċentrali (Mk 4:10-12) bejn Ġesù u t-Tnax jagħti tweġiba għall-mistoqsija l-għala Ġesù tkellem bil-parabboli. Għaliex dan il-mod ta' kliem li bħal donnu jeskludi l-għarfien sħiħ lis-semmiegħa? Jidher li ż-żewġ tipi ta' semmiegħa, il-poplu u t-Tnax, juru żewġ livelli ta' għarfien tal-parabboli tas-saltna. Dan il-mod ta' trasmissjoni tat-tagħlim fuq il-misteru tas-saltna ta' Alla jikkorrispondi għal proġett ta' Alla, imħabbar mill-profeti, imma li jidher ċar fil-kelma u l-azzjoni ta' Ġesù. Il-parabbola li tħabbar u tirrivela l-misteru tas-saltna ta' Alla tista' tinftiehem biss fid-dawl tal-azzjoni u l-kelma ta' Ġesù. Mingħajr it-tifsira ta' Ġesù, il-parabboli jwasslu biss għal għama u t-twebbis tal-qalb li huma kontra d-don tas-salvazzjoni ta' Alla: "Lilkom ingħata l-misteru tas-Saltna ta' Alla, imma l-oħrajn, li huma barra, ikollhom kollox bil-parabboli, ħalli 'jħarsu kemm iħarsu ma jarawx, u jisimgħu kemm jisimgħu ma jifhmux, li ma jbiddlux ħajjithom u jaqilgħu l-maħfra' "(4:11-12; ara Is 6:9-10). Dan jesprimi anke dak li fil-fatt kien jagħmel Ġesù, kif jikteb Marku f'4:33-34: "B'ħafna parabboli bħal dawn kien ixandrilhom il-kelma, kif kienu jistgħu jifhmuha huma, u mingħajr xi parabbola ma kienx ikellimhom; imma d-dixxipli tiegħu, meta kien ikun waħdu magħhom, kien ifissrilhom kollox". L-effett doppju tal-parabbola u l-azzjoni ta' Alla ssib ir-raġuni fil-kelma profetika u fil-ġrajja storika ta' Ġesù u fir-relazzjoni bejn il-komunità nisranija u l-ambjent ta' barra.

Imma l-misteru tas-saltna ta' Alla li jibqa' għal xi żmien moħbi għandu limitu: skont il-pjan ta' Alla, bil-missjoni ta' evanġelizzazzjoni tad-dixxipli, kollox kellu jkun imħabbar apertament: "Għax ma hemm xejn moħbi jekk mhux biex jingħaraf, u xejn ma hu mistur jekk mhux biex jinġieb għad-dawl" (4:22). Din għad tkun il-missjoni tad-dixxipli li kienu minn ta' l-ewwel li semgħu l-kelma ta' Ġesù li rrivela l-misteru tas-Saltna



ta' Alla. Dan id-don, dejjem fil-kuntest tal-parabboli rrakuntati minn Ġesù, jitlob responsabilità u perseveranza: "Oqogħdu attenti x'tisimgħu. Bl-istess kejl li tkejlu intom jitkejjel lilkom, u jingħatalkom iżjed ukoll. Għax min għandu, jingħatalu; u min ma għandux, jittiħidlu saħansitra dak li għandu" (4:24-25).

F'San Mattew ukoll hemm insistenza fuq l-għama u it-twebbis tal-qalb li fuqu kien tkellem Isaija rigward il-poplu ta' Alla: "Resqu lejh id-dixxipli u staqsewh: 'Għaliex tkellimhom bil-parabboli?' Hu weġibhom: "Għax lilkom ingħata li tagħrfu l-misteri tas-Saltna tas-Smewwiet; iżda lilhom dan ma kienx mogħti. Għax

kull min għandu, jingħatalu, u jkollu żżejjed ukoll; iżda min ma għandux jitteħidlu saħansitra li għandu. Jien għalhekk inkellimhom bil-parabboli; għax iħarsu kemm iħarsu ma jarawx, u jisimgħu kemm jisimgħu ma jifhmux. U hekk isseħħ fihom il-profezija ta' Isaija li tgħid: Tisimgħu kemm tisimgħu ma tifhmux, u tħarsu kemm tħarsu ma tarawx. Għax il-qalb ta' dan il-poplu twebbset: kienu tqal biex jisimgħu b'widnejhom, u għalqu għajnejhom li ma ma jmorrux jaraw b'għajnejhom, u jisimgħu b'widnejhom u jifhmu b'moħħhom, u hekk ibiddlu ħajjithom u jiena nfejjaqhom'". (Mt 13:10-15). Imma b'don tal-Missier, lid-dixxipli u liż-żgħar il-misteru tas-saltna huwa rivelat: "Intom, iżda, henjin għajnejkom, għax qegħdin jaraw; henjin widnejkom, għax qegħdin jisimgħu. Tassew, ngħidilkom, li bosta profeti u nies ġusti xtaqu jaraw dak li qegħdin taraw intom u ma rawhx, u jisimgħu dak li qegħdin tisimgħu intom u ma semgħuhx!" (Mt 13:16-17).

F'Mattew insibu wkoll il-parabbola tas-sikrana li bħal donnha tikkomplimenta dik taż-żerriegħ; magħha nsibu wkoll interpretazzjoni ta' tagħlim u ekkleżjali (Mt 13:24-30.36-43). Hija parabbola li tagħti tweġiba għall-mistoqsija rigward l-oriġini tal-ħażen, li jgħix flimkien mat-tajjeb; il-ħażen huwa mirbuħ fl-aħħar. Alla jagħti ż-żmien liż-żmien. Fl-aħħar il-ġudizzju jsir u dan huwa ta' Alla biss.

Dan it-tagħlim jiġi magħġun fil-parabbola tax-xibka mitfugħa l-baħar (Mt 13:47-50) u żżid element ġdid rigward iż-żmien tal-Knisja: mhuwiex iz-zmien tal-ġudizzju imma tal-missjoni.

Fil-qalba tad-diskors bil-parabboli nsibu żewġ parabboli tewmin, dik taż-żerriegħa tal-mustarda u dik tal-ħmira li ttella' l-għaġna (Mt 13:31-33). Anke dawn huma ċċentrati fuq il-bidu insinifikanti u l-iżvilupp li jwassal għall-milja, fuq ċkunija li tinfetaħ għall-universalità. F'disposizzjoni simetrika nsibu wkoll il-koppja tal-paraboli tat-teżor moħbi f'għalqa u tal-ġawhra fina (Mt 13:44-46). Dawn il-parabboli jinsistu fuq l-uniku teżor, l-unika ġawhra u l-bejgħ ta' kollox biex tinxtara l-għalqa u l-ġawhra. Il-valur assolut tas-Saltna ta' Alla hija mtennija fl-esperjenza salvifika tal-komunità li temmen f'Ġesù, bħala l-milja tas-Saltna ta' Alla.

Bħala konklużjoni nistgħu ngħidu li l-parabbola, imlaqqma bis-sħiħ fit-tradizzjoni biblika, hija l-forma karatteristika u oriġinali tal-kelma ta' Ġesù fil-prospettiva l-ġdida tas-Saltna ta' Alla. Hija tippreżentalna orizzonti ġodda li jitolbu tweġiba adegwata. Is-smigħ tal-parabbola ssir laqgħa mal-persuna ta' Ġesù, dak li jwettaq bis-sħiħ is-saltna ta' Alla. Titlob dixxipolat. B'hekk anke il-ġabra tal-parabboli tas-Saltna li tkellimna fil-qosor fuqhom, neċessarjament iridu jsiru ħajja. "Għalhekk kull kittieb li jkun sar dixxiplu tas-Saltna tas-Smewwiet jixbah lil wieħed sid li, mill-ħażna tiegħu, joħroġ sew il-ġdid u sew il-qadim" (Mt 13:52).

Għal aktar tagħrif: DODD C.H.. *The Parables of the* Kingdom, London 1936; JEREMIAS J., *The Parables of* Jesus, SCM Press, London 1989; SPITERI D., *Parabbola,* in *Dizzjunarju Bibliku, Temi Teoloġiċi I*, Librerija Preca, Malta 1989, 114-115; SNODGRAS K.R., *Parable*, in *Dictionary of Jesus and the Gospels, A Compendium of Contemporarty Biblical Scholarship* (GREEN J.B., McKNIGHT S., HOWARD MARSHALL I., ed.), InterVarsity Press, Leicester 1992, 591-601; YOUNG B.H., *Jesus and His Jewish Parables,* Paulist Press, New York 1989; *Parable,* in *Dictionary of Biblical Imagery* (RYKEN L., WILHOIT J.C., LONGMAN III T., General ed.), InterVarsity Press, Leicester 1998, 623-625.



# NIKODEMU U L-MARA SAMARITANA: KUNTRASTI FL-EVANĠELJU SKONT SAN ĠWANN

*Rev Dr Martin Micallef OFMCap*

Huma diversi dawk l-istudjużi tal-Evanġelju skont San Ġwann li jinnutaw numru ta' kuntrasti bejn Nikodemu u l-mara Samaritana: żewġ karattri li nsibuhom imsemmija biss f'dan l-Evanġelju.[1] Dan mhuwiex l-uniku kuntrast li dan l-Evanġelista joħloq bejn żewġ personaġġi li jinkludi fin-narrativa tiegħu. Hekk, per eżempju, jagħmel ukoll dan l-Evanġelista meta



jqabbel lid-dixxiplu l-maħbub ma' Xmun Pietru.[2]

Fil-każ ta' Nikodemu u tal-mara Samaritana, motivi bibliċi huma fatturi sinifikattivi tal-isfond ta' dawn iż-żewġ stejjer li nsibu f'dan l-Evanġelju. Id-djalogu fuq l-ilma, per eżempju, huwa fattur importanti fid-djalogu ta' Ġesù ma' Nikodemu bħalma hu wkoll fl-istorja tal-laqgħa ta' Ġesù mal-mara Samaritana. Kemm Nikodemu, kif ukoll il-mara Samaritana, ma jifhmux il-kliem ta' Ġesù għaliex dawn jinterpretaw dan il-kliem fuq livell ieħor minn dak li kien qed jipprova jfehemhom fuqu Ġesù.

Nikodemu ma jifhimx kif bniedem ta' ċertu età jista' jerġa' jitwieled mill-ġdid. Għalhekk meta Ġesù jgħidlu: "Tassew tassew ngħidlek li jekk wieħed ma jitwelidx mill-ġdid, ma jistax jara s-Saltna ta' Alla" (Ġw 3:3), Nikodemu jagħmel reazzjoni u jwieġeb lil Ġesù: "Kif jista' wieħed jitwieled wara li jkun xjieħ? Jista' forsi jerġa' jidħol f'ġuf ommu u jitwieled?" (v.4).[3] Min-naħa l-oħra, il-mara Samaritana ma tifhimx kif xi ħadd mingħajr ġarra seta' jagħti l-ilma. Hekk tgħid din il-mara lil Ġesù wara li dan joffrilha ilma ħaj. Hija tagħmel reazzjoni u twieġeb hekk: "Sinjur, mnejn se ġġib l-ilma ħaj jekk anqas biex timla ma għandek u l-bir huwa fond?" (4:11).

Fiż-żewġ każi, mela, in-nuqqas ta' ftehim kemm ta' Nikodemu kif ukoll tal-mara Samaritana huwa espress fil-forma ta' mistoqsija li dawn iż-żewġ personaġġi jindirizzaw lil Ġesù.

## Id-dlam u d-dawl

Il-kuntrast bejn dawn iż-żewġ narrativi jidher l-aktar fix-xenarju temporali ta' kull xena. Fil-każ ta' Nikodemu naqraw li dan mar għand Ġesù bil-lejl (3:2). Dan id-dettal ma jidhirx li hu wieħed aċċidentali, tant illi r-Raba' Evanġelista jerġa' jfakkarna f'dan kollu meta jerġa' jitkellem fuq Nikodemu fix-xena tad-difna ta' Ġesù. L-evanġelista jaċċertana li dan hu l-istess personaġġ li diġà kien tkellem fuqu fil-kapitlu 3 meta jżid jgħid hekk: "Ġie wkoll Nikodemu, *dak li qabel kien mar għand Ġesù billejl*" (19:39).[4] Min-naħa l-oħra, f'kuntrast ma' Nikodemu, il-mara Samaritana tasal ħdejn il-bir fejn kien hemm Ġesù fis-sitt siegħa jew aħjar f'nofsinhar (4:6), jiġifieri fl-aqwa tad-dawl.

Fir-Raba' Evanġelju, il-lejl mhuwiex l-aħjar ħin. Skont il-mentalità tar-Raba' Evanġelista, affarijiet produttivi ma jsirux bil-lejl. Hekk, per eżempju, fl-episodju tal-miraklu tal-fejqan tar-raġel li twieled għama, naqraw kif Ġesù jgħid hekk lid-dixxipli: "Sakemm għadu binhar, jeħtiġilna nagħmlu x-xogħol ta' dak li bagħatni, għax jasal il-lejl meta ħadd ma jkun jista' jaħdem" (9:4).[5]

Wisq probabbli li r-Raba' Evanġelista ried jassoċja lil Nikodemu ma' dawk li jimxu fid-dlam.[6] Id-dawl ma kienx għalih, kif naqraw f'11:10 fejn Ġesù jgħid lid-dixxipli: "Imma jekk [wieħed] jimxi fil-lejl, jitfixkel, għax ma jkollux id-dawl." Hekk f'12:35-36 Gesù jerġa' jgħid: "Ftit ieħor baqagħlu magħkom id-dawl. Mela ibqgħu miexja sakemm għandkom id-dawl, biex id-dlam ma jilħaqkomx. Min jimxi fid-dlam ma jafx fejn hu sejjer. Sakemm għandkom id-dawl, emmnu fid-dawl, biex tkunu wlied id-dawl."

Xi wħud iżommu li dan ix-xenarju ta' bil-lejl f'rabta ma' Nikodemu hu intenzjonat sabiex jippreżenta lil dan il-personaġġ bħala wieħed li qed jaġixxi bil-moħbi, forsi minħabba l-biża'.[7] F'dan il-każ, Nikodemu qed jiġi muri wkoll f'kuntrast mal-persuna ta' Ġesù li tkellem u aġixxa bil-miftuħ. Hekk jirreaġixxu xi wħud min-nies ta' Ġerusalemm għal Ġesù: "Dan m'huwiex dak li qegħdin ifittxuh biex joqtluh? Araw, b'wiċċu minn quddiem qiegħed jitkellem, u ħadd ma hu jgħidlu xejn" (7:25-26). Hekk ukoll Ġesù jwieġeb lill-qassis il-kbir u jgħidlu: "Jiena tħaddit fil-beraħ, quddiem kulħadd. Għallimt dejjem fis-sinagogi u fit-tempju fejn jinġabru l-Lhud kollha, u bil-moħbi ma għedt xejn" (18:19-20).

## Il-bir u l-ilma

Li Ġesù għajjien wara vjaġġ, jitlob lil mara Samaritana sabiex tagħtih jixrob fis-sħana ta' nofs il-jum mhuwiex xenarju ta' barra minn hawn. Min-naħa





l-oħra, li mara tmur ħdejn il-bir f'nofsinhar weħidha, hija xi ħaġa li toħloq numru ta' mistoqsijiet. In-nisa kienu jmorru flimkien bħala gruppi biex jimlew l-ilma fl-ewwel sigħat bierda tal-jum jew inkella aktar tard fil-jum meta x-xemx tkun battiet mill-qilla tas-sħana li tarmi. Iżda lil din il-mara nsibuha weħidha ħdejn dan il-bir f'siegħa stramba ħafna, jiġifieri fl-aqwa tax-xemx! Dan wassal lil xi studjużi li kkummentaw fuq dan l-episodju biex jissuġerixxu li l-ħin ta' nofsinhar li fih insibu lil din il-mara ħdejn il-bir huwa indikazzjoni li din is-Samaritana ma kinetx milqugħa fost in-nisa l-oħra tar-raħal, u dan forsi minħabba l-istat irregolari fiż-żwieġ tagħha.[8] Faċilment li din il-mara riedet tevita t-tpaċpiċ żejjed fuqha, u għalhekk ippreferiet tmur timla l-ilma fis-sħana milli li tiġi attakkata b'ħafna tpaċpiċ fuqha.

## Ġerusalemm u Sikar

Bil-mod, mela, li bih l-Evanġelista jagħżel il-ħin tax-xena rispettiva f'dawn iż-żewġ episodji, huwa kien qed joħloq kuntrast bejn Nikodemu u l-mara Samaritana. Mhux biss, imma l-istess evanġelista juża spazju għall-istess għan.

L-istorja ta' Nikodemu sseħħ f'Ġerusalemm, il-belt il-qaddisa għal-Lhud. L-isfond ġeografiku tax-xena proprjament insibuh f'2:23 fejn naqraw hekk: "Waqt li kien Ġerusalemm għall-festa tal-Għid …" Xi drabi, iżda, dan l-isfond, jitħalla barra mill-istudji dwar Nikodemu minħabba l-waqfa fil-kapitlu wara 2:25. Din il-waqfa iżda hija biss xogħol ta' Stephen Langton, l-Arċisqof ta' Canterbury li għex fil-bidu tas-seklu tlettax, u mhux tal-evanġelista. L-evanġelista, fil-fatt, jgħaqqad l-istorja ta' Nikodemu mal-isfond ta' Ġerusalemm permezz tal-użu tal-kelma "raġel" (bil-Grieg: *anthropos),* l-aħħar kelma li nsibu fil-vers 25 - "għax hu stess kien jaf x'hemm fil-*bniedem*" – u t-tielet kelma fis-sentenza li ssegwi, "Kien hemm fost il-Fariżej, *raġel* jismu Nikodemu" (3:1a).

F'kuntrast, l-istorja tal-laqgħa mal-mara Samaritana sseħħ f'Sikar, belt tas-Samarija (4:5), belt li kienet fit-triq li ħa Ġesù biex mil-Lhudija għadda għall-Galilija: "Għalhekk telaq mil-Lhudija, u raġa' mar fil-Galilija. U kellu jgħaddi mis-Samarija. Ġie f'belt tas-Samarija, jisimha Sikar" (4:3-5).

Dawn id-dettalji jservu sabiex bihom l-Evanġelista jissepara lil Ġerusalemm minn Sikar mhux biss fuq il-livell ġeografiku, iżda wkoll biex joħloq kuntrast bejn iż-żewġt ibliet fuq il-livell ġeo-politiku. Mill-istess silta nsiru nafu li "il-Lhud ma jitħalltux mas-Samaritani" (v.9). Imma issa l-bżonn li Ġesù jgħaddi minn hemm ma kienx sempliċiment bżonn ġeografiku biex min-naħa t'isfel Ġesù jgħaddi għan-naħa ta' fuq fejn hemm il-Galilija. Il-kelma "kellu jgħaddi" (v.4) bil-Grieg: *edei,* tindika bżonn divin. Dan kien parti mill-pjan ta' Alla għal ibnu Ġesù biex hu jgħaddi mis-Samarija ħalli jiltaqa' ma' din il-mara u permezz tagħha jiltaqa' mar-raħal kollu, u finalment mal-qarrejja ta' dan l-episodju. Hekk juri l-użu ta' din il-kelma f'kuntesti oħra tal-Evanġelju.[9]

Il-ġeografija u l-kultura ma kinux l-uniċi fatturi li kienu jifirdu lil Sikar minn Ġerusalemm. Minbarra dan kien hemm il-fama storika taż-żewġ postijiet imsemmija. Ġerusalemm huwa l-post li fih seħħew bosta ġrajjiet





fir-Raba' Evanġelju. Fil-fatt, l-Evanġelista jsemmi lil Ġerusalemm daqs tnax-il darba.[10] Min-naħa l-oħra, Sikar hija belt li tissemma hawn biss f'dan l-Evanġelju, jiġifieri, fil-laqgħa ta' Ġesù mal-mara Samaritana, meta



huwa jirreferi għal Sikar f'4:5.

## Il-Fariżew u l-mara bla isem

Nikodemu jidħol fix-xena tal-laqgħa tiegħu ma' Ġesù b'mod formali. F'3:1 naqraw hekk: "Kien hemm fost il-Fariżej raġel jismu Nikodemu, wieħed mill-kbarat tal-Lhud." Min-naħa l-oħra, il-mara Samaritana hija ntrodotta fis-silta sempliċiment bħala mara Samaritana. Hekk naqraw f'4:7 "u ġiet mara mis-Samarija timla l-ilma."[11]

Dan il-kuntrast bejn iż-żewġ karattri narawh ukoll mill-fatt li Nikodemu huwa muri bħala "raġel" u "Fariżew," filwaqt li s-Samaritana hija "mara." Il-fatt li s-Samaritana hija "mara" jidher li hu fattur importanti fl-istorja, tant illi meta d-dixxipli jaslu lura ħdejn Ġesù wara li kienu marru r-raħal jixtru x'jieklu, huma jistagħġbu meta raw lil Ġesù jitkellem ma' mara. Hekk naqraw f'4:27 "Fil-ħin ġew id-dixxipli tiegħu, u stagħġbu jarawh *jitkellem ma' mara*; iżda ħadd minnhom ma staqsih, 'Xi trid?' jew, 'Għax qiegħed titkellem magħha?'"

Il-kuntrast bejn Nikodemu u din il-mara jkompli joħroġ

meta niftakru li Nikodemu jissemma b'ismu, filwaqt li tingħata wkoll il-pożizzjoni soċjali tiegħu bħala "wieħed mill-kbarat tal-Lhud" (3:1). Min-naħa l-oħra, il-mara Samaritana mhux biss ma nsirux nafu x'isimha, iżda aktarx li kienet mara mwarrba mill-fatt li nsibuha weħidha ħdejn il-bir.

Minbarra hekk, filwaqt li l-mara Samaritana tissemma hawn biss fl-Evanġelju, Nikodemu jissemma darbtejn oħra f'dan l-istess Evanġelju. Fit-tieni xena li huwa jissemma nsibuh jidħol f'diskussjoni mal-Fariżej l-oħra f'7:50-52. Hawnhekk Nikodemu jipprova jiddefendi lil Ġesù, iżda ma jdumx jagħmel dan għaliex jieqaf ħabta u sabta meta jiġi sfidat minn sħabu. Fit-tielet xena mbagħad li fiha jissemma Nikodemu, insibuh fil-kumpanija ta' Ġużeppi minn Arimatija fejn jidher li kellhom aċċess għal Pilatu.[12] F'din ix-xena naqraw kif dawn iż-żewġ personaġġi marru biex jidfnu l-ġisem mejjet ta' Ġesù.

Fl-ewwel xena li fiha niltaqgħu ma' Nikodemu bil-lejl, huwa jitkellem ma' Ġesù b'qima u rispett, billi jagħtih it-titlu ta' "Rabbi," titlu li jagħtuh ukoll l-ewwel żewġ dixxipli meta lil Ġesù jgħidulu: "Fejn toqgħod, *Rabbi?*" (1:38). Nikodemu jsejjaħ ukoll lil Ġesù bit-titlu ta' "mgħallem."[13] Dan it-titlu jantiċipa l-għarfien tad-dixxipli li jsejħu wkoll lil Ġesù bħala "mgħallem" f'13:13.[14] Nikodemu jagħraf ukoll lil Ġesù bħala dak li ġie mingħand Alla. Hekk igħid Nikodemu fl-ewwel kliem tiegħu lil Ġesù: "Rabbi, aħna nafu li inti *Mgħallem mibgħut minn Alla*; għax ħadd ma jista' jagħmel is-sinjali li qiegħed tagħmel int jekk ma jkunx Alla miegħu" (3:2).

Dan l-aħħar element fil-kliem ta' Nikodemu jqiegħdu fost dawk li jemmnu f'Ġesù minħabba s-sinjali. Iżda l-evanġelista juri kritika fina lejn dawn it-tip ta' persuni, tant illi eżattament qabel ma jirrakkonta l-laqgħa ta' Ġesù ma' Nikodemu naqraw hekk:



"Waqt li kien Ġerusalemm għall-festa tal-Għid, kien hemm ħafna li emmnu f'ismu billi raw is-sinjali li kien jagħmel. Imma Ġesu, min-naħa tiegħu, *ma kienx jafda fihom, għax hu kien jaf lil kulħadd*" (2:23-24). Il-fatt li Nikodemu jitkellem fil-plural "aħna nafu" [bil-Grieg: *oidamen*] fil-vers 2, tqiegħdu bħala dak li donnu kien qed jitkellem għal dan il-grupp.[15]

F'kuntrast miegħu, il-mara Samaritana titkellem f'isimha u għall-bidu turi lilha nfisha bħala persuna arroganti ma' Ġesù. Hekk tgħid din il-mara fl-ewwel kliem tagħha ndirizzat lil Ġesù: "Kif! Inti Lhudi u titlob lili, mara Samaritana, biex nagħtik tixrob?" (4:9). Iżda bil-mod il-mod, hija tbiddel dan it-ton u tindirizza lil Ġesù bħala "Sinjur" [bil-Grieg: *kyrie*] (4:11). Il-mara Samaritana fil-fatt hija l-ewwel persuna li tindirizza lil Ġesù b'dan l-istess titlu f'dan l-Evanġelju. Warajha jagħmel hekk ir-raġel li jiġi mfejjaq minn Ġesù ħdejn il-menqgħa tal-Bieb tan-Nagħaġ f'5:7.[16]

Il-mara Samaritana terġa' ssejjaħ lil Ġesù *kyrie* f'4:15.19 meta tgħid: "Agħtini dan l-ilma, *Sinjur,* biex ma jaqbadnix l-għatx … Int profeta, *Sinjur,* milli qiegħda nara." Hija tagħraf li Ġesù hu profeta: "Int profeta sinjur milli qiegħda nara" (4:19).[17]

Minbarra dan, minkejja li kienet Samaritana, hija tirrifletti fuq il-possibilità tal-identità messjanika ta' Ġesù[18] u taqsam dan il-ħsieb man-nies tar-raħal meta tgħidilhom: "Ejjew araw bniedem li qalli kull ma għamilt. Tgħid, dan il-Messija?" (4:29). Bi tweġiba, Ġesù juri lilu nnifsu lilha. Fil-fatt, din il-mara hija l-ewwel persuna fin-narrativa ta' dan l-evanġelju li tisma' 'l Ġesù jtenni l-kliem "Jiena Hu" [bil-Grieg: *ego eimi*] – "Jiena hu, li qiegħed nitkellem miegħek." (v.26).

Id-dixxipulat tas-Samaritana huwa kkonfermat billi hija tħalli warajha l-ġarra li biha kienet timla l-ilma[19] sabiex tmur il-belt u tati xhieda ta' Ġesù. Hija rċeviet il-kelma li qalilha Ġesù u tati xhieda tiegħu. F'kuntrast magħha, il-fidi ta' Nikodemu hija biss fidi mibnija fuq is-sinjali/mirakli li ma wasslitu biex jagħti l-ebda xhieda favur Ġesù. Meta kien se jipprova waqaf għax beża'! F'kelma oħra, il-fidi ta' Nikodemu mhijiex mibnija fuq ir-rivelazzjoni ta' Ġesù bħal fil-każ tal-mara Samaritana, u dan minkejja li Nikodemu sema' lil Ġesù jirrivela lilu nnifsu lilu.

F'kuntrast miegħu, il-mara Samaritana mhux biss emmnet il-kliem ta' Ġesù mingħajr ma rat l-ebda miraklu, iżda wkoll hija tħalli warajha xi ħaġa li kienet importanti għaliha – il-ġarra – u tmur fir-raħal tagħti xhieda dwar Ġesù.

Ix-xhieda tagħha serviet fil-ħajja tan-nies tar-raħal tant illi naqraw: "Kien hemm ħafna Samaritani minn dik il-belt li emmnu f'Ġesù fuq ix-xhieda li tathom dik il-mara meta qaltilhom: 'Qalli kull ma għamilt,' tant, illi meta s-Samaritani ġew ħdejh, bdew jitolbuh biex jibqa' magħhom, u hu qagħad hemm jumejn. Imbagħad ħafna oħrajn emmnu minħabba kliemu, u lill-mara qalulha: 'issa mhux għax għedtilna int qegħdin nemmnu, imma għax aħna wkoll smajnih, u sirna nafu li dan hu tassew is-salvatur tad-dinja'" (4:39-42).

## Referenzi


1 Ara Susan E. Hylen, *Imperfect Believers: Ambiguous Characters in the Gospel of John* (Louisville: Westminister John Knox, 2009), 43. Ara wkoll, Margaret Mary Pazdan, "Nicodemus and the Samaritan Woman: Contrasting Models of Discipleship," *Biblical Theology Bulletin* 17 (1987): 146.

2 Ara Kevin Quast, *Peter and the Beloved Disciple: Figures for a Community in Crises, Journal for the Study of New Testament Supplement Series 32* (Sheffield: JSOT Press, 1989); Pheme Perkins, *Peter: Apostle for the Whole*

*Church: Studies on Personalities of the New Testament* (Columbia, SC: University of South Carolina Press, 1994), 96.

3 Fuq il-fatt li Nikodemu ma jifhimx il-kliem ta' Ġesù ara Marinus de Jonge, "Nicodemus and Jesus: Some Observations on Misunderstanding and Understanding in the Fourth Gospel," *Bulletin of the John Rylands Library* 53 (1971): 337-359; dan l-artiklu reġa' ġie stampat f' de Jonge, *Jesus, Stranger from Heaven and Son of God* (Missoula, MT: Scholars, 1977), 29-47.

4 Ara Ġw 7:50 fejn jerġa' jissemma Nikodemu għat-tieni darba fir-Raba' Evanġelju. Hawnhekk l-Evanġelista jikteb hekk: "Wieħed minnhom Nikodemu, dak li qabel kien mar għand Ġesù …"

5 Ara wkoll Ġw 13:30; 21:3.

6 Ara Adele Reinhartz, "The Gospel of John," f'*Searching the Scriptures, vol. 2: A Feminist Commentary,* ed. Elisabeth Schüssler Fiorenza (New York: Crossroads, 1994), 570.

7 Ara Hyler, *Imperfect Believers,* 34-35.

8 Fuq dan il-punt ara Mark F. Whitters, "Discipleship in John: Four Profiles," *Word and World* 18 (1998): 424; Craig Keener, *The Gospel of John,* vol. 1 (Peabody, MA: Hendrickson, 2003), 593-595.

9 Fuq dan il-bżonn teoloġiku, kif inhu msejjaħ, ara Ramsey, J. Michaels, *The Gospel of John* (Grand Rapids: Eerdmans, 2010), 235, n.12. Ara wkoll, Teresa Okure, *The Johannine Approach to Mission: A Contextual Study of John 4:1-42* (WUNT, II/32; Tübingen: Mohr [Siebeck], 1988), 83-86.

10 Ara Ġw 1:19; 2:13.23; 4:20.21.45; 5:1.2; 10:22; 11:18.55; 12:12.

11 Ara wkoll Ġw 4:9a.

12 Ara Gw 19:38-42.

13 Dan it-titlu hu element important fil-mod kif jinqalbu r-rwoli ta' Nikodemu u Ġesù f'3:10 meta Ġesù jgħid lil Nikodemu: "Inti mgħallem f'Israel u dan ma tafux?"

14 Ara Ġw 13:13. Ara wkoll, 1:38; 20:16.

15 Fuq dan il-punt ara Francis J. Moloney, *The Gospel of John,* Sacra Pagina 4 (Collegeville, MN: Liturgical, 1998), 97.

16 Dan it-titlu jingħata lil Ġesù mid-dixxipli f'6:68; 9:36.38; 11:3; 12:21; 13:6.9.25.36.37; 14:5.8.22. Minbarra hekk, Kristu Rxoxt jiġi indirizzat ħames darbiet bħala *kyrie* minn Xmun Pietru f'21:15.16.17.20.21.

17 Ara wkoll Ġw 1:21.25.

18 Ara Ġw 1:41.

19 Ara Mk 1:18.20; 2:13 u t-testi paralleli.



# IL-ĦABS TA’ KRISTU FIL-BAŻILIKA TAL-QABAR TA’ KRISTU

*Noel Muscat ofm*

Il-Bażilika tal-Qabar ta’ Kristu tħaddan l-aktar Postijiet Qaddisa tal-Fidwa, jiġifieri l-Blata tal-Kalvarju, fejn Ġesù miet fuq is-salib, u l-Edikola tal-Qabar, fejn hu irxoxta mill-mewt nhar Ħadd il-Għid. Għalkemm il-pellegrini jżuru dan is-Santwarju prinċipalment biex iqimu dawn iż-żewġ Postijiet Qaddisa, huma jistgħu wkoll iżuru fl-istess kumpless diversi

tifkiriet u kappelli oħrajn, li jfakkru ġrajjiet marbutin mal-Passjoni ta' Ġesù, u li għandhom valur storiku-devozzjonali.

Fost dawn il-ħafna tifkiriet devozzjonali hemm wieħed li jqajjem il-kurżità tal-pellegrini u viżitaturi. Jinsab fix-xaqliba tat-tramuntana tal-Bażilika, fi tmiem in-navata hekk imsejħa "Arkati tal-Verġni", fejn hemm il-fdalijiet tal-kolonni u kapitelli Biżantini tal-kjostru li antikament kien hemm bejn il-koppla tal-Anástasis (Riżurrezzjoni) u l-Martyrion (knisja kbira b'ħames navati) li kienet bniet Elena, omm l-Imperatur Kostantinu, mis-sena 326 sat-13 ta' Settembru 335, data tal-ewwel konsagrazzjoni tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. F'din iż-żona mudlama tal-Bażilika għadhom jidhru l-ġebel kbar Biżantini, kif ukoll il-pilastri Kruċjati li nbnew meta dan il-kjostru ġie magħluq u msaqqaf, biex jiġi inkluż fil-kumpless arkitettoniku tal-Bażilika restawrata mill-Kruċjati, u kkonsagrata mill-ġdid fil-15 ta' Lulju 1149.

Fir-rokna tal-grigal ta' din iż-żona hemm kappella baxxa u mudlama, li dawn l-aħħar snin ġiet restawrata b'mod professjonali u mgħammra b'dawl artifiċjali, u li hi proprjetà tal-Patrijarkat Grieg Ortodoss ta' Ġerusalemm. Ġiet inawgurata mill-ġdid f'Jannar 2019. Din hi l-kappella hekk imsejħa "Ħabs ta' Kristu," bil-Grieg "Hagía Phylakí." Timmarka tifkira devozzjonali antikissima, li hawnhekk tfakkar lil Ġesù li jiġi marbut bil-ktajjen qrib il-Kalvarju, waqt li kien jistenna li jittella' fuq il-Golgota biex jiġi msallab.

Bħal diversi postijiet oħrajn fl-istess Bażilika, din hi kappella li fiha kapolavur ta' arti Biżantina mħallta ma' arti Kruċjata, u hi xhieda tal-qima li dejjem gawdiet mill-Kristjani kemm Orjentali (Griegi, Armeni, Sirjaċi u oħrajn) kif ukoll Latini (Kattoliċi). L-informazzjoni ta' dan l-artiklu hi bbażata fuq studju dettaljat ta' din il-Kappella tal-Ħabs ta' Kristu: ANTHONY BALE, *God's Cell: Christ as Prisoner and Pilgrimage to the Prison of Christ*, in *Speculum. A Journal of Medieval Studies*, Vol. 91, No. 1 (January 2016), 1-35.

## Il-Kappella tal-Ħabs ta' Kristu fl-istorja tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu

Għalkemm il-Kappella tal-Ħabs ta' Kristu tmur lura għall-era Biżantina, l-aktar riferimenti ċari dwarha



*Daħla Santu Sepulkru*

nsibuhom fir-rakkonti ta' pellegrini medjevali. Tissemma mill-vjaġġatur Jean de Mandeville fil-*Livre des merveilles du monde* (c. 1356). Imma hu jirreferi għal kittieba aktar antiki, fosthom Johannes von Würzburg (c. 1160-70), il-Kronaka ta' Guillaume de Tyre (1184-97) u dik ta' Gervase of Tilbury (c. 1200). Hu jsemmi l-Kappella tal-Ħabs ta' Kristu u r-relikwa tal-ktajjen li bihom ġie marbut Ġesù. Imma fil-medjuevu kien hemm diversi postijiet f'Ġerusalemm li kienu assoċjati mal-fatt li Ġesù ġie marbut f'ħabs qabel ma ġie msallab. Barra din il-Kappella fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, l-pellegrini medjevali jsemmu l-Ħabs ta' Kristu fil-Knisja ta' San Salvatur fuq il-Għolja ta' Sijon, fejn hemm il-fdalijiet tad-dar tal-qassis il-kbir Kajfa, illum f'idejn l-Armeni Ortodossi. Dan il-post kien jissejjaħ *Carcer Domini*.

Il-Vanġeli ma jgħidulna xejn dwar il-fatt li Ġesù nqafel fil-ħabs qabel ma ġie msallab. Imma, kif ġara f'ħafna postijiet f'Ġerusalemm, il-pietà tal-pellegrini medjevali rabtet magħhom ġrajjiet li mhumiex parti mir-rakkonti evanġeliċi. Eżempji ċari huma xi stazzjonijiet tal-Via Dolorosa (it-tliet waqgħat ta' Kristu taħt is-salib, il-laqgħa ta' Kristu mal-Verġni Marija fil-knisja ta' Santa Maria dello Spasimo, il-laqgħa ta' Kristu mal-Veronika). Il-Ħabs ta' Kristu fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, hu wieħed minn dawn il-postijiet. Ħabsijiet simili jinsabu fuq l-Għolja ta' Sijon (kif semmejna), taħt il-Knisja ta' San Pietru in Gallicantu, u fil-Monasteru Grieg Ortodoss tal-Pretorju (qrib l-Ark tal-Ecce Homo fil-Via Dolorosa). Dawn il-"ħabsijiet devozzjonali" huma riżultat ta' riferimenti evanġeliċi indiretti, li jinkludu l-ordni li jagħti Ġuda Iskarjota lill-għassiesa tal-Lhud biex jorbtu lil Ġesù (Mk 14,44), il-fatt ta' Barabba li kien fil-ħabs (Mt 27,15-17), Ġesù li jittieħed fil-ktajjen għand il-qassisin il-kbar Anna (Ġw 18,12) u

*San Pietru in Gallicantu*



Kajfa (Ġw 18,24), u ż-żewġ ħallelin li ġew imsallbin ma' Ġesù, li tradizzjonalment jissemmew bħala Disma u Gestas.

Il-Ħabs ta' Kristu, mela, hi Kappella li tfakkar ġrajjiet apokrifi, imma li jsibu wkoll fundament fir-rakkonti evanġeliċi. Fi żmien Ġesù hawnhekk ma kien hemm l-ebda ħabs, u l-Kappella li naraw illum inbniet mill-Kruċjati fis-seklu 12, għalkemm fiha ġebel li hu Biżantin u x'aktarx li nbniet fuq ġiebja jew qabar antik. F'waħda mill-eqdem pjanti tal-Knisja tal-Qabar ta' Kristu, dik tal-pellegrin Arculf (c. 680), fix-xaqliba tal-grigal tal-kjostru Kostantinjan tidher mejda msejħa "altar ta' Abraham", li forsi kienet tifkira li ħawdet is-sagrifiċċju ta' Iżakk fuq il-Morija (għolja tat-Tempju) ma' dak ta' Kristu fuq il-Golgota.

Ir-raħeb Biżantin Epiphanios (seklu 9) isemmi l-kamra li fiha ġie maqful Kristu u jqegħedha fuq ix-xaqliba tat-tramuntana tal-ġnien ta' Ġużeppi ta' Arimatija. Dan kollu juri li l-komunità Griega Biżantina ta' Ġerusalemm kienet tqim dan il-post qabel ma ġew il-Kruċjati, li mbagħad komplew l-istess tradizzjoni.

Ma nafux kif kienet il-Kappella tal-Ħabs ta' Kristu fl-era Biżantina. Ma ninsewx li l-Bażilika Kostantinjana tal-Qabar ta' Kristu kienet iġġarrfet b'mod sistematiku mill-Kalif al-Hakim fl-1009, u mbagħad mibnija mill-ġdid parzjalment mill-Imperatur Kostantinu Monomachos fl-1030-48. Hu x'aktarx f'dan iż-żmien li l-Kappella tal-Ħabs ta' Kristu ġiet mibnija, imma hemm evidenza ta' ġebel li jmur lura għas-seklu 4. Li nafu żgur hu li l-pellegrini Kruċjati sabu din il-Kappella fl-1101 mibnija fil-kjostru, u li kienu l-Kruċjati li inglobawha fil-Knisja Romanika li bnew fl-1149-54. Għad hemm kapitelli Kruċjati tassew artistiċi fil-ġnub tal-bieb tal-Kappella. (DENYS PRINGLE, *The Churches of the Crusader Kingdom of Jerusalem. The City of Jerusalem. A Corpus*, Vol. 3, Cambridge University Press, 1993, 21-39). Fl-1169 il-Kappella tal-Ħabs ta' Kristu kienet waħda mill-kappelli Latini tal-Bażilika, u tissemma mill-Patrijarka Amaury († 1181) bħala waħda mill-kappelli li jinsabu fit-tramuntana tal-Bażililka, qrib il-kappelli li hemm fil-kurridur nofs tond li jdur mal-abside tal-*Katholikon* tal-Griegi, li fl-era Kruċjata kien il-*chorus dominorum* tal-Kanoniċi Regolari ta' Santu Wistin. Dan juri kif il-Franki (Kruċjati) aċċettaw it-tradizzjonijiet tal-Griegi fi ħdan il-Bażilika. Il-kapitell Romanesk li hemm fil-bieb tal-Kappella juri x-xena ta' Danjel fil-fossa tal-iljuni, billi qaddisin bħal San Isidoru ta' Sivilja († 636), Rabanus Maurus († 856), u Rupert ta' Deutz (c. 1075-1129) jindikaw lil Danjel maqful mal-iljuni bħala xbieha ta' Kristu maqful fil-ħabs. Anke Hugo de Saint-Cher († 1263), biblista Dumnikan, iqabbel il-ħelsien ta' Danjel mill-fossa tal-iljuni mal-qawmien mill-imwiet ta' Kristu.

## Dokumenti antiki dwar il-Ħabs ta' Kristu

L-eqdem rakkont dwar il-fatt li Kristu nqafel fil-ħabs jinsab fl-*Atti ta' Pilatu* jew *Il-Vanġelu ta' Nikodemu* (4-5 sekli), kitba apokrifa (kelma Griega li tfisser "kitba moħbija"), jiġifieri mhux milqugħa fil-kanoni tal-Iskrittura. Din il-kitba tinsisti fuq ir-rwol tal-Lhud fil-persekuzzjoni u l-mewt ta' Ġesù. Din il-kitba, miktuba bil-Grieg imma tradotta bil-Latin, tgħid li Pilatu *Jesum jussit segregare remote* (ikkmanda li jaqflu lil Ġesù f'post imwarrab). Ma ssemix ħabs fil-veru sens tal-kelma. Fis-seklu 13, fost il-Kristjani Latini l-fatt ta' Kristu maqful fil-ħabs kien sar verità devozzjonali fir-rakkonti popolari tal-Passjoni. Il-*Meditationes vitæ Christi* (c. 1300) attribwiti lil San Bonaventura, imma li kitibhom Johannes de Caulibus, jitkellmu mill-Ħabs ta' Kristu li l-Insara setgħu jarawh b'għajnejhom. Kitbiet oħrajn medjevali, bħal *Liber aureus* (l-ewwel nofs tas-seklu 15), tal-



*Il-Ħabs ta' Kristu*

psewdo-Bonaventura, jitkellmu minn ħabs li kien hemm taħt kamra superjuri, fejn Kristu ġie marbut bil-ktajjen ma' kolonna. Hekk daħlet id-drawwa li l-Insara jqimu ħabs taħt l-art, bħal fil-każ tal-fossa-ħabs li hemm taħt il-Knisja ta' San Pietru in Gallicantu, li suppost timmarka l-ħabs fid-dar ta' Kajfa. Bejn l-1100 u l-1400 daħlet id-devozzjoni li Kristu ġie maqful fil-ħabs kemm fuq l-Għolja ta' Sijon kif ukoll qrib il-Kalvarju.

## Pellegrini li żaru l-Ħabs ta' Kristu

Wara li l-Kruċjati daħlu Ġerusalemm fl-1099, kibret il-popolarità tal-Postijiet Qaddisa assoċjati mal-Passjoni ta' Kristu, inklużi dawk devozzjonali. Id-devozzjoni lejn il-Ħabs ta' Kristu kienet ukoll effett tal-kultura Kruċjata, imdorrija bil-periklu ta' torturi fil-ħabsijiet fejn kienu jinqaflu l-priġunieri tal-gwerra. Kważi l-viżitaturi kollha medjevali fil-Knisja tal-Qabar ta' Kristu jsemmu l-Kappella tal-Ħabs ta' Kristu.

Kitba anonima Latina (c. 1100) hi waħda mill-eqdem deskrizzjonijiet tal-Knisja tal-Qabar ta' Kristu, u tgħid li fuq ix-xellug tal-Kalvarju hemm il-ħabs li fih Kristu ġie miżmum.

Il-pellegrin Russu, l-Abbati Danjel (Daniil ta' Kiev), li kiteb fl-1106-08, jinnota "l-ħabs imqaddes fejn Kristu ġie maqful u fejn dam għal xi żmien sakemm waslu l-Lhud u ħejjew is-Salib li fuqu sallbuh." Pietru Diaconus (1137) jikteb li "mhux bogħod miċ-Ċentru tad-Dinja (*umbilicus mundi* = Post immarkat fil-*Katholikon* tal-Griegi biex juri nofs id-distanza bejn il-Kalvarju u l-Qabar ta' Kristu u jispjega kif Ġerusalemm hi ċ-ċentru, letteralment, iż-żokra, tad-dinja), hemm il-Ħabs; fejn Ġesù ġie marbut u fflaġellat, u fejn neżżgħuh minn ħwejġu." Pellegrin Islandiż li żar il-Qabar ta' Kristu fl-1150 jikteb li fil-Kappella kienu meqjumin il-ktajjen tal-ħadid li bihom rabtu lil Ġesù. Fl-1172 il-

pellegrin Teodorico jitkellem minn "kappella mudlama" li fiha Ġesù ġie maqful. Kitba anonima Griega (1253-54) li tiddeskrivi l-Postijiet Qaddisa titkellem minn "irħama li magħha rabtu lil Ġesù u qegħdulu fuq rasu l-Kuruna tax-Xewk," u mill-"ħabs fejn qafluh." Il-Kappella hi ndikata li tinsab qrib id-daħla tal-kor (fejn kienu jitolbu l-Kanoniċi Regolari fil-medjuevu), bejn il-Kalvarju u l-Kappella ta' Santa Elena. Il-Franġiskan Filippo Busserio da Savona (1280) jiddeskrivi l-*carcerum Domini*, "fejn il-Lhud poġġew lil Ġesù sakemm lestew is-Salib."

F'kitba anonima Griega oħra (c. 1250 - c. 1350) insibu deskrizzjoni estensiva tal-Ħabs: "Wara l-kor hemm il-Ħabs ta' Kristu, xi ħmistax-il pied bogħod mill-kor. F'dan il-post jinsabu t-toqob li fihom daħħlu r-riġlejn ta' Ġesù Kristu, u huma magħmulin mill-irħam. Hemm ukoll mejda li fuqha jiġi ċċelebrat is-Sagrifiċċju mqaddes tal-Quddiesa." Dan ir-riferiment interessanti hu għall-*klapon*, jew toqob li fihom jintrabtu r-riġlejn, li kien metodu medjevali ta' tortura. Fil-fatt, fil-Ħabs ta' Kristu, taħt l-altar fuq il-lemin tal-Kappella, hemm dawn it-toqob venerati, flimkien ma' ikona ta' Kristu b'riġlejn maqfulin f'dawn it-toqob.

Ir-rakkont tal-Ingliż William Wey (1405 - 1476), li kiteb volumi dwar il-pellegrinaġġi tiegħu f'Ġerusalemm, jgħid li l-Kappella medjevali tal-Ħabs kellha żewġ taqsimiet (kif għadha sal-lum): il-post fejn hemm it-toqob li fihom inqaflu riġlejn Kristu bil-ktajjen, u kamra bil-volta aktar 'il ġewwa.

Pellegrin importanti li żar il-Qabar ta' Kristu fl-1483 kien id-Dumnikan Svizzeru Ġermaniż Felix Fabri, li jirrakkonta kif għadda lejl fil-Knisja tal-Qabar ta' Kristu wara li l-purtinara Saraċini qafluh ġewwa flimkien ma' pellegrini oħrajn. Din hi d-deskrizzjoni li jagħti dwar il-Ħabs ta' Kristu:

"Malli daħħluna ġewwa, s-Saraċini qaflu l-bibien tal-knisja bl-imfietaħ u l-istaneg, u qafluna ġewwa bħalma jagħmlu dawk li jixħtu ħallelin fil-ħabs, u telqu bl-imfietaħ f'idejhom, u lilna ħallewna priġunieri fl-aktar ħabs hieni, imdawwal u spazjuż, li fih hemm il-ġnien tal-Qabar prezzjuż ta' Kristu, f'riġlejn l-għolja tal-Kalvarju, fiċ-ċentru tad-dinja. O x'ħabs mimli ferħ u ta' min jixtieql! Kemm hi ħaġa sabiħa li l-Kristjan jinqafel fis-Sepulkru tal-Mulej tiegħu! [...] Bdejna l-purċissjoni bil-kant, u dħalna f'kappella mudlama u mħaffra fil-blat, li ma għandhiex twieqi, imma fiha altar wieħed u żewġ bibien żgħar. Fi żmien Kristu din il-kappella kienet ħabs, qrib l-għolja tal-Kalvarju, mibnija bl-iskop li l-kriminali kkundannati għall-mewt jinqaflu hemmhekk sakemm iħejjulhom l-istrumenti tat-tortura tagħhom […] u biex hemmhekk jixorbu l-inbid sa ma jiskru, għax dawk li jkunu kkundannati għall-mewt kienu jisquhom l-inbid mal-mirra, biex hekk jibżgħu inqas mill-mewt u jissapportu aħjar it-tbatijiet tagħhom, u kienu jaqfluhom hawnhekk biex jixorbu kemm iridu mingħajr mistħija. Għaldaqstant il-Mulej Ġesù inġieb hawnhekk sakemm għamlu t-tliet ħofriet fuq il-blata tal-Kalvarju biex iqiegħdu fihom is-slaleb, u biex sadanittant jixrob. Huma offrew lill-Mulej 'inbid imħallat bil-mirra' (Mk 15,23), imma hu ma riedx jixorbu, kif insibu fir-rakkont. F'din iċ-ċella ftakarna kif il-Mulej Ġesù beka u stenna t-torturi tas-Salib" (FELIX FABRI, *Evagatorium in Terræ Sanctæ, Arabiæ et Egypti peregrinationem,* ed. C.D. Hassler, 2 vols. Stuttgart, 1843, I, 282).

Is-sensibilità tal-pellegrini medjevali lejn il-fatt li Kristu ġie maqful il-ħabs qabel ma ġie msallab tidher ukoll fl-1471, meta l-Kappella tal-Ħabs ta' Kristu ġiet inkluża fil-liturġija Latina tal-purċissjoni fil-Knisja tal-Qabar ta' Kristu, permezz tal-antifona, meħuda mill-Improperji tal-Ġimgħa l-Kbira: *Ego te eduxi de*




*Pjanta Basilica tas-Santu Sepulkru*

*captivitate Ægypti demerso Pharaone in Mari Rubro, et tu me tradidisti carcere obscure*: "Jiena ħriġtek mill-Eġittu u għarraq lill-Fargħun fil-Baħar l-Aħmar, u inti għalaqtni f'ħabs mudlam." Jidher li l-pellegrini medjevali kienu jieqfu fil-Kappella tal-Ħabs ta' Kristu wara li jżuru l-kolonna tal-Flaġellazzjoni u qabel ma jitilgħu fuq il-Kalvarju.

Il-pellegrin Franġiskan Niccolò da Poggibonsi (1346-50), awtur tal-*Libro d'Oltremare*, jiddeskrivi l-Ħabs ta' Kristu bħala: *una cappella molto scura, e piccola, e quasi quadra, con due colonne, con un altare levato in su due colonne. Sotto l'altare si è una fossa, cupa un piede, e ivi si è dipinto Cristo, come gli è battuto e legato alla colonna. Sopra l'altare si è una lampana, che arde continuamente; e questa capella si chiama la prigione. Dicesi che ivi, quando Cristo si menava a crucifigere, i Giudei lo schernivano; e altri dice che ivi era la casa, in che Cristo prima fu messo in prigione* (FRA NICCOLÒ DA POGGIBONSI, *Libro d'Oltremare*, pubblicato da A. Bacchi della Lega, Bologna, 1881, Vol. I, 74-75). L-awtur jgħid li din il-Kappella kienet uffiċjata mill-*Cristiani della cintura*, forsi riferiment għall-Griegi Ortodossi, li tagħhom hi proprjetà.

## Il-Ħabs ta' Kristu kif jidher illum

Issa li l-Kappella tal-Ħabs ta' Kristu ġiet restawrata tista' titgawda fis-sbuħija sempliċi u awstera tagħha. Barra l-irħamijiet ġodda li saru biex jagħlqu l-Kappella u biex jinbnew l-altari, l-ambjent jikkonsisti f'żewġ kappelli. Dik ta' barra hi l-antikamera, li fiċ-ċentru tagħha hemm l-emblema tal-ajkla b'żewġ irjus tal-Patrijarkat Grieg Ortodoss ta' Ġerusalemm. Fuq il-lemin hemm altar li taħtu hemm il-*Klapon*, jew it-toqob li fihom ġew maqfulin riġlejn Kristu, b'ikona ta' Ġesù nkurunat bix-xewk u bil-mantar aħmar skur u b'riġlejh fil-ktajjen. Minn ħdejn dan l-altar bieb idaħħlek fil-kappella interna, li tinżel għaliha bit-taraġ. Ta' min jinnota l-kapitelli Kruċjati li hemm mal-bieb. Il-kappella interna hi maqsuma fi tliet partijiet permezz ta' arkati u fiha altar fiċ-ċentru. Ta' kuljum il-Patrijiet Franġiskani residenti fil-Bażilikża tal-Qabar ta' Kristu jieqfu fil-Kappella tal-Ħabs ta' Kristu waqt il-purċissjoni biex jinċensaw dan il-Post Qaddis u jieqfu jitolbu f'din l-*istatio* devozzjonali.

ĠEDDED L-ABBONAMENT TIEGĦEK

# L-ART Imqaddsa
RIVISTA BIBLIKA

# TIĠDID
## L-ART IMQADDSA
## 2019




## ABBONAMENT:
## €10 fis-sena
## €15 jew aktar Sostenitur

TOĦROĠ KULL 3 XHUR

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Jekk irċevejt ir-Rivista b'xejn għaliex ġejt l-Art Imqaddsa mal-Franġiskani, ħallas l-abbonament biex tkompli tirċiviha.*

Kunjom ____________________

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________

____________________

Kodiċi Postali ____________________

Qed nibgħat € ____________
bħal abbonament għall-2019

# Pellegrinaġġi Franġiskani 2019

**Art Imqaddsa** 8 Ijiem
11 - 19 Lulju
02 - 10 Settembru

**Art Imqaddsa** *Extra*
04 - 14 Novembru

**Assisi**
31 Awwissu - 08 Settembru



**Ikteb jew ċempel:**
**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**

8, Triq Santa Luċija,
Valletta VLT 1213, Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt